Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Lulju 2015
(OR. en)

10905/15

LIMITE

PECHE 253
CODEC 1046

Fajl Interistituzzjonali:
2015/0096 (COD)

PUBLIC

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Nru dok. Cion:	8341/15 PECHE 143 CODEC 605 + ADD 1 - COM(2015) 180 final + Annessi
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 - *Mandat għal negozjati mal-Parlament Ewropew*

1. Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-proposta ta' hawn fuq lill-Kunsill fl-24 ta' April 2015. Il-proposta għandha l-għan li timplimenta fid-dritt tal-Unjoni l-miżuri tal-pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran adottat mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) fil-laqgħat annwali tagħha bejn l-2012 u l-2014.

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika Interna u Esterna tas-Sajd eżamina l-proposta f'diversi sessjonijiet tiegħu bejn it-13 ta' Mejju u s-16 ta' Lulju 2015[1]. Fis-sessjoni msemmija l-aħħar, il-Presidenza ppreżentat kompromess dwar pożizzjoni tal-Kunsill[2] li d-delegazzjonijiet kollha qablu dwaru. Barra minn hekk, hija qablet verbalment li tintroduċi kjarifika żgħira dwar il-paragrafu 2 tal-Anness I fuq talba ta' waħda mid-delegazzjonijiet.

[1] Ara d-dokumenti: 8919/15, 9728/15, 9905/15, 10115/15 u 10501/15.
[2] Ara d-dokument 10259/2/15 REV 2 + COR 1.

3. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni ma setax jappoġġa dan il-kompromess.

4. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden japprova l-pożizzjoni maqbula tal-Kunsill dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009, kif tinsab fl-Anness (l-emendi għall-proposta huma indikati b'tipa grassa u korsiva b'test maqtugħ jew mingħajru).

ANNESS

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[3],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-objettiv tal-Politika Komuni tas-Sajd, kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013[4], hu li jkun żgurat sfruttament tar-riżorsi tal-baħar ħajjin li jipprovdi kondizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli.

(2) L-Unjoni hija Parti tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni")[5].

(3) Waqt il-15-il Laqgħa Speċjali tagħha fl-2006, il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku ("l-ICCAT"), li ġiet stabbilita mill-Konvenzjoni, adottat ir-Rakkomandazzjoni 06-05[6] biex jiġi stabbilit pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jintemm fl-2022 (il-'Pjan ta' rkupru'). Din ir-Rakkomandazzjoni daħlet fis-seħħ fit-13 ta' Ġunju 2007.

---

[3] (għandha tiddaħħal ir-referenza)

[4] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

[5] Il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 34).

[6] Ir-Rakkomandazzjoni 06-05 tal-ICCAT biex jiġi stabbilit pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran.

(4) Ir-Rakkomandazzjoni 06-05 tal-ICCAT ġiet ***[...] implimentata*** fil-liġi tal-Unjoni permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1559/2007[7] li jistabbilixxi pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran.

(5) Waqt is-16-il Laqgħa Speċjali tagħha fl-2008, l-ICCAT adottat ir-Rakkomandazzjoni 08-05[8] li temenda r-Rakkomandazzjoni 06-05.

Sabiex jinbena l-istokk mill-ġdid, il-pjan ta' rkupru stabbilit fl-2006 u emendat fl-2008 saħħaħ l-iskema tal-ICCAT ta' Spezzjoni Internazzjonali Konġunta u stabbilixxa tnaqqis gradwali fil-livell tal-qabdiet totali permissibbli mill-2007 sal-2011, restrizzjonijiet fuq is-sajd f'ċerti żoni u f'ċerti perjodi taż-żmien, daqs minimu ġdid għat-tonn, miżuri dwar l-attivitajiet tas-sajd sportivi u rikreattivi u miżuri marbutin mal-kapaċità tas-sajd u tat-trobbija tal-ħut.

(6) Ir-Rakkomandazzjoni 08-05 tal-ICCAT ġiet ***[...] implimentata*** fil-liġi tal-Unjoni permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009[9] li jistabbilixxi pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1559/2007.

(7) Waqt is-17-il Laqgħa Speċjali tagħha fl-2010, l-ICCAT adottat ir-Rakkomandazzjoni 10-04[10] li temenda r-Rakkomandazzjoni 08-05. Sabiex jinbena l-istokk mill-ġdid, ir-Rakkomandazzjoni 10-04 stabbiliet iktar tnaqqis fil-livell tal-qabdiet totali permissibbli u fil-kapaċità tas-sajd u saħħet il-miżuri ta' kontroll, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw l-attivitajiet ta' trasferiment u ta' tqegħid fil-gaġeġ. Hija pprevediet ukoll l-għoti ta' pariri addizzjonali fl-2012 mill-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka u l-Istatistika (SCRS - Standing Committee on Research and Statistics) dwar l-identifikazzjoni tal-postijiet fejn ibid il-ħut u dwar il-ħolqien ta' żoni tal-kenn.

(8) Sabiex il-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni riveduti msemmija fir-Rakkomandazzjoni 10-04 jiġu trasposti fil-liġi tal-Unjoni, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 ġie emendat bir-Regolament (UE) Nru 500/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11].

---

7 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1559/2007 tas-17 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-irkupru tat-Tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 520/2007 (ĠU L 340, 22.12.2007, p. 8).

8 Ir-Rakkomandazzjoni 08-05 li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT biex jiġi stabbilit pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran.

9 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 tas-6 ta' April 2009 li jistabbilixxi pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 43/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1559/2007 (ĠU L 96, 15.4.2009, p. 1).

10 Ir-Rakkomandazzjoni 10-04 li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT biex jiġi stabbilit pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran.

11 Ir-Regolament (UE) Nru 500/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 dwar pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran (ĠU L 157, 16.6.2012, p. 1).

(9) Waqt it-18-il Laqgħa Speċjali tagħha fl-2012, l-ICCAT adottat ir-Rakkomandazzjoni 12-03[12] li temenda r-Rakkomandazzjoni 10-04. Sabiex tissaħħaħ l-effettività tal-pjan ta' rkupru, hija stabbiliet miżuri tekniċi dwar l-attivitajiet ta' trasferiment u ta' tqegħid fil-gaġeġ tat-tonn ħaj, rekwiżiti ġodda tar-rappurtar dwar il-qabdiet, l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Osservaturi Reġjonali tal-ICCAT u bidliet fl-istaġuni tas-sajd. Barra minn hekk, hija saħħet ir-rwol tal-Kumitat permanenti dwar ir-riċerka u l-istatistika (SCRS) fir-rigward tal-valutazzjoni tal-istokk tat-tonn.

(10) Waqt it-23 Laqgħa Regolari tagħha fl-2013, l-ICCAT adottat ir-Rakkomandazzjoni 13-07[13] li temenda r-Rakkomandazzjoni 12-03 billi ddaħħal bidliet żgħar fl-istaġuni tas-sajd li ma jaffettwawx il-flotta tal-Unjoni. Barra minn hekk, ġiet adottata wkoll ir-Rakkomandazzjoni 13-08[14] li tikkomplementa l-pjan ta' rkupru. Din ir-Rakkomandazzjoni stabbiliet proċedura komuni għall-użu tas-sistemi tal-kameras sterjoskopiċi biex issir stima tal-kwantitajiet ta' tonn fil-mument tat-tqegħid fil-gaġeġ u daħħlet data flessibbli tal-bidu tal-istaġun tas-sajd għad-dgħajjes tas-sajd bil-lixka u għad-dgħajjes tas-sajd bir-rixa fil-Lvant tal-Atlantiku.

(11) Sabiex il-miżuri essenzjali msemmija fir-Rakkomandazzjonijiet 12-03 u 13-08, bħal dawk dwar l-istaġuni tas-sajd, jiġu trasposti fil-liġi tal-Unjoni, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 reġa' ġie emendat bir-Regolament (UE) Nru 544/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15].

(12) Waqt id-19-il Laqgħa Speċjali tagħha fl-2014, l-ICCAT adottat ir-Rakkomandazzjoni 14-04[16] li temenda r-Rakkomandazzjoni 13-07 u li tħassar ir-Rakkomandazzjoni 13-08. Filwaqt li ġew iċċarati xi wħud mid-dispożizzjonijiet ta' kontroll eżistenti, ġew spjegati iktar il-proċeduri għall-użu tal-kameras sterjoskopiċi fil-mument tat-tqegħid fil-gaġeġ u, fil-pjan ta' rkupru ddaħħlu miżuri marbutin mal-attivitajiet ta' rilaxx tal-ħut fil-baħar u mat-trattament ta' ħut mejjet.

(13) Ir-Rakkomandazzjoni 14-04 torbot legalment lill-Unjoni.

---

[12] Ir-Rakkomandazzjoni 12-03 li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT biex jiġi stabbilit pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran.

[13] Ir-Rakkomandazzjoni 13-07 li temenda r-Rakkomandazzjoni 12-03 tal-ICCAT biex jiġi stabbilit pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran.

[14] Ir-Rakkomandazzjoni 13-08 tal-ICCAT li tikkomplementa r-Rakkomandazzjoni 12-03 li stabbiliet pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn tal-Lvant tal-Atlantiku u tal-Mediterran.

[15] Ir-Regolament (UE) Nru 544/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 dwar pjan pluriennali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran (ĠU L 163, 29.5.2014, p. 7).

[16] Ir-Rakkomandazzjoni 14-04 li temenda r-Rakkomandazzjoni 13-07 tal-ICCAT biex jiġi stabbilit pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran.

(14) L-emendi kollha tal-Pjan ta' rkupru li l-ICCAT adottat fl-2012, fl-2013 u fl-2014 li għadhom ma ġewx ***[...] soġġetti għall-implimentazzjoni***, ***għandhom jiġu implimentati*** fil-liġi tal-Unjoni ***[...]***. ***[...]***[17].

(15) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jistabbilixxi l-kunċett ta' daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza, il-kunċett tal-ICCAT ta' daqsijiet minimi għandu jiġi implimentat fil-liġi tal-Unjoni bħala daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni. Għaldaqstant, ir-referenzi fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/98 għad-daqsijiet minimi tat-tonn għandhom jinqraw bħala referenzi għal daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni f'dan ir-Regolament.

(15) [...]

(16) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament f'dak li jirrigwarda l-attivitajiet ta' trasferiment u ta' tqegħid fil-gaġeġ u mar-reġistrazzjoni u r-rappurtar tal-attivitajiet tal-bastimenti u tat-tunnari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni. Hija għandha tuża dawk is-setgħat skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18] li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.

(17) [...]

(18) [...]

17 ***[...]***

18 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(19) […] ***(18)*** Ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 issa m'għadhomx jgħoddu, l-iktar minħabba li issa huma koperti minn atti oħra tal-Unjoni, u għalhekk għandhom jitħassru. Xi dispożizzjonijiet oħra għandhom jiġu aġġornati biex jirriflettu l-bidliet li seħħew fil-leġislazzjoni, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(20) ***[…] (19)*** B'mod partikolari, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009[19] jistabbilixxi sistema tal-Unjoni għall-kontroll, l-ispezzjoni u l-infurzar, permezz ta' approċċ globali u integrat, sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli kollha tal-Politika Komuni tas-Sajd, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011[20] jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008[21] jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat. Dawk l-atti issa jkopru ċerti kwistjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 302/2009 u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tiegħu dwar il-miżuri ta' infurzar u l-Anness VIII tiegħu dwar it-trasmissjoni tal-messaġġi tas-Sistema tal-Monitoraġġ tal-Bastimenti. Għalhekk, dawk id-dispożizzjonijiet m'hemmx bżonn jiddaħħlu f'dan ir-Regolament.

(21) ***[…] (20)*** B'konformità mal-Artikolu 49(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011, il-fatturi ta' konverżjoni adottati mill-SCRS japplikaw għall-kalkolu tal-piż sħiħ ekwivalenti tat-tonn ipproċessat, inkluż għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

(22) ***[…] (21)*** Barra minn hekk, b'konformità mal-Artikolu 95 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, ġiet adottata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/156/UE[22]. Din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tistabbilixxi, fost l-oħrajn, punti ta' riferiment u objettivi għall-kontroll tas-sajd għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran.

---

19 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

20 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1).

21 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

22 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2014 li tistabbilixxi programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, u tal-pixxispad fil-Mediterran u għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tas-sardin u l-inċova fil-Baħar Adrijatiku tat-Tramuntana (notifikata taħt id-dokument C(2014) 1717) (ĠU L 85, 21.3.2014, p. 15).

(23) ***[…] (22)*** Il-paragrafu 2.c tar-Rakkomandazzjoni 06-07 tal-ICCAT[23] jistabbilixxi programm ta' teħid tal-kampjuni sabiex jiġi stmat l-għadd ta' ħut skont id-daqs fil-kuntest tal-attivitajiet tat-trobbija tat-tonn. Dik id-dispożizzjoni ġiet ***[...] implimentata*** permezz tal-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009. Dan ir-Regolament m'hemmx bżonn jipprevedi speċifikament il-programm ta' teħid tal-kampjuni, minħabba li l-ħtiġijiet ta' dak il-programm issa huma koperti għalkollox mill-programmi stabbiliti permezz tal-paragrafu 83 tar-Rakkomandazzjoni 14-04, li għandha tiġi ***[...] implimentata*** permezz ta' dan ir-Regolament. Dak il-paragrafu jipprevedi l-użu ta' sistemi ta' kameras sterjoskopiċi jew ta' tekniki alternattivi li jipprovdu l-istess livell ta' preċiżjoni, u jkopri l-attivitajiet kollha ta' tqegħid fil-gaġeġ sabiex jiġu rfinati l-għadd u l-piż tal-ħut.

(23) ***Għall-finijiet taċ-ċarezza, tas-simplifikazzjoni u taċ-ċertezza legali, dan ir-Regolament għandu jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009.***

(24) ***[...][22][...]***

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/98[24] jipprevedi derogi mill-obbligu ta' ħatt l-art tat-tonn stabbiliti fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-fini tal-konformità tal-Unjoni mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni skont il-Konvenzjoni. Hija timplimenta ċerti dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni 13-07 tal-ICCAT li jistabbilixxu obbligu ta' rimi u ta' rilaxx għall-bastimenti u t-tunnari li jaqbdu t-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran f'ċerti sitwazzjonijiet. Għaldaqstant, dan ir-Regolament ma jkoprix tali dispożizzjonijiet. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni mhuwiex affettwat mill-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

---

[23] Ir-Rakkomandazzjoni 06-07 tal-ICCAT dwar it-trobbija tat-tonn.

[24] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/98 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, taħt il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku u tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (ĠU L 16, 23.01.2015, p. 23).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni tal-pjan ta' rkupru mill-Unjoni kif iddefinit fl-Artikolu 3(1).

2. Dan ir-Regolament japplika għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran.

Artikolu 2

Objettiv

B'konformità mal-pjan ta' rkupru ddefinit fl-Artikolu 3(1), l-objettiv ta' dan ir-Regolament huwa li tinkiseb bijomassa li tkun tikkorrispondi bi probabbiltà ta' mhux inqas minn 60 % mar-rendiment massimu sostenibbli sal-2022.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "Pjan ta' rkupru" tfisser il-pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn (*Thunnus thynnus*), li ilu japplika sa mill-2007 u li ser jibqa' japplika sal-2022 u li ġie rrakkomandat mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku ('l-ICCAT');

(2) "bastiment tas-sajd" tfisser kull bastiment bil-mutur użat għall-finijiet tal-isfruttament kummerċjali tar-riżorsi tat-tonn, jew maħsub għal dawn il-finijiet, inklużi l-bastimenti tal-qbid, il-bastimenti tal-ipproċessar tal-ħut, il-bastimenti ta' appoġġ, il-bastimenti tal-irmunkar, il-bastimenti involuti fit-trasbord u l-bastimenti tat-trasport mgħammra b'tagħmir biex jittrasportaw il-prodotti tat-tonn, u l-bastimenti awżiljarji, minbarra l-bastimenti għat-trasport tal-kontejners;

(3) "bastiment tal-qbid" tfisser bastiment użat għall-finijiet tal-qbid kummerċjali tar-riżorsi tat-tonn;

(4) “bastiment tal-ipproċessar” tfisser bastiment li fuqu l-prodotti tas-sajd issirilhom waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew aktar qabel ma dawn jiġu ppakkjati: iffilettjar jew tfettit, iffriżar u/jew ipproċessar;

(5) “bastiment awżiljarju” tfisser kwalunkwe bastiment użat għat-trasport tat-tonn mejjet (mhux ipproċessat) minn ġo gaġġa tat-trasport jew tat-trobbija tal-ħut, minn purse seine jew minn tunnara għal port magħżul u/jew għal bastiment tal-ipproċessar;

(6) “bastiment tal-irmunkar” tfisser kwalunkwe bastiment li jintuża biex jirmonka l-gaġeġ;

(7) “bastiment ta’ appoġġ” tfisser kwalunkwe bastiment tas-sajd ieħor imsemmi fil-punt (2);

(8) “sajd attiv” tfisser, għal kwalunkwe bastiment tal-qbid u għal kull tunnara, il-fatt li dawn jintużaw għas-sajd għat-tonn matul staġun tas-sajd partikolari;

(9) “attività konġunta tas-sajd” tfisser kwalunkwe attività li ssir bejn żewġ bastimenti tas-sajd bil-purse seine jew aktar fejn il-qabda ta’ bastiment tas-sajd bil-purse seine partikolari tiġi allokata għal bastiment tas-sajd bil-purse seine ieħor jew għal bastimenti tas-sajd bil-purse seine oħrajn skont skema partikolari ta’ allokazzjoni;

10. “attivitajiet ta’ trasferiment” tfisser:

(i) kwalunkwe trasferiment ta' tonn ħaj mix-xibka tal-bastiment tal-qbid għall-gaġġa tat-trasport;

(ii) kwalunkwe trasferiment ta' tonn ħaj mill-gaġġa tat-trasport għal gaġġa oħra tat-trasport;

(iii) kwalunkwe trasferiment tal-gaġġa bit-tonn minn bastiment tal-irmunkar għal bastiment ieħor tal-irmunkar;

(iv) kwalunkwe trasferiment tat-tonn ħaj minn farm tal-ħut għal ieħor;

(v) kwalunkwe trasferiment ta' tonn ħaj mit-tunnara għall-gaġġa tat-trasport;

(11) “trasferiment ta’ kontroll” tfisser kwalunkwe trasferiment ieħor li jsir fuq talba tal-operaturi tas-sajd jew tal-operaturi tal-farms tal-ħut jew fuq talba tal-awtoritajiet ta’ kontroll sabiex jiġi vverifikat l-għadd ta’ ħut li jkun qed jiġi ttrasferit;

(12) “tunnara” tfisser tagħmir fiss immażżrat mal-qiegħ li s-soltu jkollu xibka li twassal it-tonn għal ġo magħlaq jew għal ġo sensiela ta’ kompartimenti magħluqin fejn jinżamm qabel jittella’;

(13) “tqegħid fil-gaġeġ” tfisser it-trasferiment ta' tonn ħaj mill-gaġġa tat-trasport jew mit-tunnara għal ġol-gaġeġ tat-trobbija tal-ħut;

(14) “trobbija tal-ħut” tfisser it-tqegħid tat-tonn fil-gaġeġ fil-farms tal-ħut u l-għalf sussegwenti tagħhom bil-għan li dawn jismnu u li tiżdied il-bijomassa totali tagħhom;

(15) “farm tal-ħut” tfisser installazzjoni użata għat-trobbija tat-tonn maqbud bit-tunnari jew bil-bastimenti tas-sajd bil-purse seine;

(16) [...]

(17) “ħsad” tfisser il-qtil tat-tonn fil-farms tal-ħut jew fit-tunnari;

(18) “trasbord” tfisser il-ħatt tal-ħut kollu jew ta’ kwalunkwe ħut li jkun jinsab abbord bastiment tas-sajd għal fuq bastiment ieħor tas-sajd. Il-ħatt ta' tonn mejjet minn fuq bastiment tas-sajd bil-purse seine jew bastiment tal-irmunkar għal fuq bastiment awżiljarju m’għandux jitqies bħala trasbord;

(19) “sajd sportiv” tfisser sajd mhux kummerċjali li min jipprattikah ikun jifforma parti minn organizzazzjoni sportiva nazzjonali jew ikun ingħata liċenzja sportiva nazzjonali;

(20) “sajd rikreattiv” tfisser sajd mhux kummerċjali li min jipprattikah ma jkunx jifforma parti minn organizzazzjoni sportiva nazzjonali jew ma jkunx ingħata liċenzja sportiva nazzjonali;

(21) “kamera sterjoskopika” tfisser kamera b’żewġ lentijiet jew aktar, li jkollha sensur separat tal-immaġni jew qafas separat tal-films għal kull lenti, li jippermettulha tieħu immaġnijiet tridimensjonali;

(22) “kamera ta’ kontroll” tfisser kamera sterjoskopika u/jew vidjokamera normali użata biex jitwettqu l-kontrolli previsti minn dan ir-Regolament;

(23) “dokument dwar il-qabdiet tat-tonn” jew “dokument elettroniku dwar il-qabdiet tat-tonn” tfisser dokument dwar il-qabdiet tat-tonn. Ir-referenzi għad-dokument dwar il-qabdiet tat-tonn għandhom jiġu sostitwiti bir-referenzi għad-dokument elettroniku dwar il-qabdiet tat-tonn, skont il-każ.

(24) “Stat Membru responsabbli” tfisser l-Istat Membru tal-bandiera jew l-Istat Membru li fil-ġurisdizzjoni tiegħu tkun tinsab it-tunnara jew ikun jinsab il-farm tal-ħut jew, jekk dawn ikunu jinsabu fl-ibħra internazzjonali, l-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-operatur tat-tunnara jew tal-farm tal-ħut;

(25) “Kompitu II” tfisser il-Kompitu II kif iddefinit mill-ICCAT fil-manwal tagħha tal-qasam għall-istatistika u t-teħid tal-kampjuni tat-tonn tal-Atlantiku u tal-ħut li jixbah lit-tonn imsejjaħ "Field manual for statistics and sampling Atlantic tunas and tuna-like fish";[25]

(26) “PKK” tfisser Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni u Partijiet, Entitajiet jew Entitajiet tas-Sajd Mhux Kontraenti tagħha li jikkooperaw magħha;

(27) “SCRS” tfisser il-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka u l-Istatistika tal-ICCAT;

(28) “żona tal-Konvenzjoni” tfisser iż-żona ġeografika koperta mill-miżuri tal-ICCAT stabbiliti fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni.

---

[25] It-tielet edizzjoni, ICCAT, 1990.

Artikolu 4

Tul tal-bastimenti

It-tulijiet kollha tal-bastimenti msemmija f'dan ir-Regolament għandhom jinftiehmu bħala t-tul kollu tagħhom.

KAPITOLU II

Miżuri ta' Ġestjoni

Artikolu 5

Kondizzjonijiet marbutin mal-miżuri ta' ġestjoni

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-***[...] isforz*** tas-sajd tal-bastimenti tal-qbid u tat-tunnari tiegħu jkun proporzjonat mal-opportunitajiet tas-sajd għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran li huwa jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu.

2. ***[...] It-[...]t***rasferiment 'il quddiem ta' kwalunkwe ***[...] kwota mhux użata [...] għandu jkun ipprojbit.***

3. Għandu jkun ipprojbit il-kiri ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għas-sajd għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran.

Artikolu 6

Tressiq tal-pjanijiet għall-ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd, tal-pjanijiet għas-sajd u tal-pjanijiet għall-ġestjoni tat-trobbija tal-ħut

1. Sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, kull Stat Membru ***li għandu kwota tat-tonn*** għandu jibgħat lill-Kummissjoni:

   (a) pjan tas-sajd għall-bastimenti tal-qbid u għat-tunnari li jintużaw għas-sajd għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran; u

   (b) pjan għall-ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd li jiżgura li l-kapaċità tas-sajd tal-Istati Membri tkun proporzjonata mal-kwota allokata lilhom.

2. Il-Kummissjoni għandha tiġbor il-pjanijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u tintegrahom fil-pjan tal-Unjoni għas-sajd u għall-ġestjoni tal-kapaċità li għandu jintbagħat lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-15 ta' Frar ta' kull sena għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tal-ICCAT.

3. Sal-15 ta' April ta' kull sena, kull Stat Membru li jkun beħsiebu jibdel il-pjan tal-ICCAT li jkun fis-seħħ għall-kapaċità tat-trobbija tal-ħut għandu jibgħat pjan għall-ġestjoni tat-trobbija tal-ħut lill-Kummissjoni, li għandha tibagħtu lis-Segretarjat tal-ICCAT.

Artikolu 7

Pjanijiet għas-sajd

1. Il-pjan annwali għas-sajd imressaq minn kull Stat Membru ***li għandu kwota tat-tonn*** għandu jidentifika l-kwoti allokati għal kull grupp ta' rkaptu msemmi fl-Artikoli 10 u 11, ***inkluż it-tagħrif dwar [...]***:

   (a) il-bastimenti tal-qbid ta' aktar minn 24 metru inklużi fil-lista tal-bastimenti msemmija fl-Artikolu 19(1)(a), il-kwota individwali allokata għalihom u l-miżuri li huma fis-seħħ biex jiġi żgurat li jiġu rrispettati l-kwoti individwali u l-kwoti tal-qabdiet aċċessorji totali; u

   (b) għall-bastimenti tal-qbid ta' inqas minn 24 metru u għat-tunnari, tal-inqas il-kwota allokata għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew għall-gruppi ta' ***tunnari jew*** bastimenti tas-sajd li jużaw tip ta' rkaptu simili.

2. B'deroga mill-paragrafu 1(a), il-kwota individwali allokata lil kull bastiment ta' aktar minn 24 metru tista' tiġi ppreżentata 30 ġurnata qabel il-bidu tal-istaġun tas-sajd applikabbli għal kull bastiment.

3.2 [...] L-Istat Membru rilevanti għandu jibgħat lill-Kummissjoni kwalunkwe modifika sussegwenti tal-pjan annwali għas-sajd jew tal-kwoti individwali allokati għall-bastimenti tal-qbid ta' aktar minn 24 metru li huma inklużi fil-lista msemmija fl-Artikolu 19(1)(a) tal-inqas tliet ijiem qabel titwettaq l-attività li tikkorrispondi ma' dik il-modifika. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dawn il-modifiki lis-Segretarjat tal-ICCAT tal-inqas 48 siegħa qabel ma titwettaq l-attività li tikkorrispondi ma' dik il-modifika.

Artikolu 8

Pjanijiet għall-ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd

1. Il-pjan annwali għall-ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd imressaq minn kull Stat Membru ***li għandu kwota tat-tonn*** għandu jkun konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. L-għadd massimu ta' tunnari rreġistrati fi Stat Membru partikolari u ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru partikolari li jistgħu jistadu għat-tonn, iżommuh abbord, jittrasbordawh, jittrasportawh jew iħottuh l-art għandu jiġi stabbilit b'konformità mat-Trattat u b'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

3. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru partikolari li jkunu qed jistadu għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, ***u t-tunnellaġġ gross korrispondenti***, għandhom ikunu limitati għall-għadd ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru li jkunu stadu għat-tonn, żammewh abbord, ittrasbordawh, ittrasportawh jew ħattewh l-art fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-1 ta' Lulju 2008, u għat-tunnellaġġ gross totali korrispondenti. Dak il-limitu għandu japplika skont it-tip ta' rkaptu għall-bastimenti tal-qbid.

4. Għall-bastimenti awtorizzati jistadu għat-tonn skont id-deroga msemmija fl-Artikolu 13(2), fl-Anness I huma stipulati kondizzjonijiet addizzjonali biex jiġi stabbilit l-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd.

5. L-għadd massimu ta' tunnari ta' Stat Membru użati biex jiġi mistad it-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandu jkun limitat għall-għadd ta' tunnari awtorizzati minn dak l-Istat Membru sal-1 ta' Lulju 2008.

6. B'deroga mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 3 u 5, għall-2015, l-2016 u l-2017, f'każ li Stat Membru jkun jista' juri li l-kapaċità tas-sajd tiegħu tista' ma tippermettilux juża l-kwota kollha tiegħu, dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li fil-pjanijiet annwali tiegħu għas-sajd imsemmija fl-Artikolu 7 jinkludi għadd ikbar ta' bastimenti u tunnari.

7 ***[...]*** ***G***ħall-2015, l-2016 u l-2017, kull Stat Membru għandu jillimita l-għadd ta' bastimenti tas-sajd bil-purse seine tiegħu ***[...]*** għall-għadd ta' bastimenti tas-sajd bil-purse seine li huwa jkun awtorizza fl-2013 jew fl-2014. ***Dan m'għandux japplika għal bastimenti tas-sajd bil-purse seine li jistadu skont id-deroga msemmija fl-Artikolu 13(2)b.***

8. Meta kull Stat Membru jkun qed jistabbilixxi l-pjanijiet tiegħu għall-ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd, il-kapaċità tas-sajd tiegħu għandha tiġi kkalkulata abbażi tal-aħjar rati tal-qbid għal kull bastiment u rkaptu li jkunu ġew stmati fl-2009 mill-SCRS[26] u maqbulin mill-ICCAT waqt il-Laqgħa ta' bejn is-sessjonijiet tal-Kumitat ta' Konformità tal-ICCAT li saret fl-2010[27]. F'każ li l-SCRS jirrevedi dawn ir-rati tal-qbid, l-Istati Membri dejjem għandhom japplikaw l-aktar rati reċenti tal-qbid maqbulin mill-ICCAT.

Artikolu 9

Pjanijiet għall-ġestjoni tat-trobbija tal-ħut

1. Il-pjan għall-ġestjoni tat-trobbija tal-ħut ippreżentat minn kull Stat Membru għandu jkun konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Għal kull Stat Membru, il-kapaċità massima tat-trobbija tat-tonn u tat-tismin tiegħu u l-ammont massimu ta' tonn salvaġġ maqbud li kull Stat Membru jista' jalloka għandhom jiġu stabbiliti skont it-Trattat ***[...]***.

[26] Il-paġna 128 tal-verżjoni bl-Ingliż tar-rapport tal-2009 maħruġ mill-SCRS.
[27] Il-punt 5 u l-Appendiċi 3 tal-Anness 4.2 tar-Rapport tal-Laqgħa ta' bejn is-sessjonijiet tal-Kumitat ta' Konformità li saret f'Madrid fi Spanja mill-24 sas-26 ta' Frar 2010.

3. Il-kapaċità massima tat-trobbija tat-tonn u tat-tismin tiegħu ta' Stat Membru għandha tkun limitata għall-kapaċità tat-trobbija tat-tonn u tat-tismin tiegħu tal-farms tal-ħut ta' dak l-Istat Membru li kienu rreġistrati fir-reġistru tal-ICCAT tal-faċilitajiet tat-trobbija tal-ħut fl-1 ta' Lulju 2008, jew li kienu awtorizzati u ddikjarati lill-ICCAT f'dik id-data.

4. L-ammont massimu ta' tonn salvaġġ maqbud li jista' jiddaħħal fil-farms tal-ħut ta' Stat Membru għandu jkun limitat għal-livell tal-kwantitajiet imdaħħlin irreġistrati mal-ICCAT mill-farms tal-ħut ta' dak l-Istat Membru fl-2005, l-2006, l-2007 jew l-2008.

5. Fi ħdan il-kwantità massima ta' tonn salvaġġ maqbud imdaħħal fil-farms tal-ħut imsemmi fil-paragrafu 4, kull Stat Membru għandu jalloka lill-farms tal-ħut tiegħu l-ammont annwali massimu ta' tonn li jista' jiddaħħal fihom.

KAPITOLU III

MIŻURI TEKNIĊI

TAQSIMA 1

L-ISTAĠUNI TAS-SAJD

Artikolu 10

Bastimenti tas-sajd bil-konz, bastimenti tas-sajd bil-purse seine, bastimenti tat-tkarkir użati għas-sajd għall-ħut pelaġiku, tunnari u s-sajd sportiv u rikreattiv

1. Is-sajd għat-tonn minn bastimenti tal-qbid ta' iktar minn 24 metru li huma bastimenti tas-sajd bil-konz użati għas-sajd għall-ħut pelaġiku fuq skala kbira għandu jkun permess fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Mejju, minbarra fiż-żona li tinsab fil-Punent ta' 10 fil-Punent u fit-Tramuntana ta' 42 fit-Tramuntana, kif ukoll fiż-żona ekonomika esklussiva tan-Norveġja, fejn dan it-tip ta' sajd għandu jkun permess mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Jannar.

2. Is-sajd għat-tonn bil-purse seine għandu jkun permess fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran matul il-perjodu mis-26 ta' Mejju sal-24 ta' Ġunju, minbarra fiż-żona ekonomika esklussiva tan-Norveġja, fejn dan it-tip ta' sajd għandu jkun permess mill-25 ta' Ġunju sal-31 ta' Ottubru.

3. Is-sajd għat-tonn mill-bastimenti tat-tkarkir użati għas-sajd għall-ħut pelaġiku għandu jkun permess fil-Lvant tal-Atlantiku matul il-perjodu mis-16 ta' Ġunju sal-14 ta' Ottubru.

4. Is-sajd rikreattiv u sportiv għat-tonn għandu jkun permess fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran mis-16 ta' Ġunju sal-14 ta' Ottubru.

5. Is-sajd għat-tonn bi rkaptu ieħor minbarra dak imsemmi fil-paragrafi 1 sa 4 u fl-Artikolu 11, fosthom bit-tunnari, għandu jkun permess matul is-sena kollha.

Artikolu 11

Dgħajjes tas-sajd bil-lixka u dgħajjes tas-sajd bir-rixa

1. Is-sajd għat-tonn mid-dgħajjes tas-sajd bil-lixka u mid-dgħajjes tas-sajd bir-rixa għandu jkun permess fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran matul il-perjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Ottubru.

2. Dejjem jekk ma tiġix affettwata l-protezzjoni tal-postijiet fejn ibid il-ħut u jekk it-tul totali tal-istaġun tas-sajd għal dak it-tip ta' sajd ma jaqbiżx il-perjodu ta' erba' xhur, kull Stat Membru jista' jiddeċiedi dwar data tal-bidu differenti għas-sajd bid-dgħajjes tas-sajd bil-lixka u bid-dgħajjes tas-sajd bir-rixa li jtajru l-bandiera tagħhom u li jistadu fil-Lvant tal-Atlantiku.

3. Fil-pjan għas-sajd tiegħu msemmi fl-Artikolu 7, kull Stat Membru għandu jispeċifika jekk inbidlux id-dati tal-bidu għal dak it-tip ta' sajd u l-koordinati taż-żoni kkonċernati.

TAQSIMA 2

DAQS MINIMU, QABDIET INĊIDENTALI U QABDIET AĊĊESSORJI

Artikolu 12

L-obbligu ta' ħatt l-art

Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, inkluża kwalunkwe deroga ***[...] applikabbli***.

Artikolu 13

Daqs minimu ***ta' referenza għall-konservazzjoni***

1. Id-daqs minimu ***ta' referenza għall-konservazzjoni*** tat-tonn maqbud fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandu jkun ta' 30 kg jew ta' 115-il ċm f'tul sal-furketta.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, għandu japplika daqs minimu ***ta' referenza għall-konservazzjoni*** għat-tonn ta' 8 kg jew ta' 75 ċm f'tul sal-furketta fil-każijiet tas-sajd li ġejjin:

   (a) it-tonn maqbud fil-Lvant tal-Atlantiku mid-dgħajjes tas-sajd bil-lixka u mid-dgħajjes tas-sajd bir-rixa;

   (b) it-tonn maqbud fil-Baħar Adrijatiku għall-finijiet tat-trobbija tal-ħut;

   (c) it-tonn maqbud fil-Mediterran permezz tas-sajd artiġjanali mal-kosta għall-ħut frisk b'dgħajjes tas-sajd bil-lixka, b'bastimenti tas-sajd bil-konz jew b'dgħajjes tas-sajd bix-xlief.

3. Il-kondizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għad-deroga msemmija fil-paragrafu 2 huma stipulati fl-Anness I.

4. L-Istati Membri kkonċernati għandhom joħorġu awtorizzazzjonijiet speċifiċi għall-bastimenti biex dawn jistadu skont id-deroga msemmija fil-paragrafu 2. Il-bastimenti kkonċernati għandhom jitniżżlu fil-lista tal-bastimenti tal-qbid imsemmija fl-Artikolu 19(1)(a). Għal dan il-għan, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 19 u 20.

Artikolu 14

Qabdiet inċidentali

1. ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13(1), [...]g***ħall-bastimenti kollha tal-qbid u t-tunnari kollha użati għas-sajd attiv għat-tonn, għandhom ikunu permessi qabdiet inċidentali ta' ammont massimu ta' 5 % ta' tonn li jiżen bejn 8 u 30 kg jew li jkollu tul sal-furketta ta' bejn 75 u 115-il ċm.

2. Il-perċentwali ta' 5 % msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi kkalkulat abbażi tal-qabdiet kollha tat-tonn fl-għadd ta' ħut miżmum abbord il-bastiment jew fit-tunnara fi kwalunkwe ħin wara kull attività tas-sajd.

3. Il-qabdiet inċidentali għandhom jitnaqqsu mill-kwota tal-Istat Membru li huwa responsabbli għall-bastiment tal-qbid jew għat-tunnara.

4. L-Artikoli 23, 28, 29 u 30 għandhom japplikaw għall-qabdiet inċidentali tat-tonn.

Artikolu 15

Qabdiet aċċessorji

1. Kull Stat Membru għandu ***[...] jipprevedi*** l-qabdiet aċċessorji tat-tonn ***fil-kwota tiegħu*** u għandu jgħarraf lill-Kummissjoni b'dan meta jibgħatilha l-pjan tas-sajd tiegħu.

2. Il-bastimenti tal-Unjoni li ma jkunux qegħdin jistadu b'mod attiv għat-tonn għandhom jevitaw li l-qabdiet aċċessorji tat-tonn tagħhom jaqbżu, fi kwalunkwe ħin wara attività tas-sajd, il-5 % tal-qabdiet totali abbord fil-piż jew l-għadd ta' ħut. Il-kalkolu ta' dak il-perċentwali skont l-għadd ta' ħut għandu japplika biss għat-tonn u għall-ispeċijiet simili għalih ġestiti mill-ICCAT. ***Kull Stat Membru għandu jnaqqas mill-kwota tiegħu l-ħut mejjet kollu maqbud bħala parti mill-qabdiet aċċessorji [...].***

3. ***[...]*** Għall-Istati Membri li m'għandhomx kwota għat-tonn, il-qabdiet aċċessorji kkonċernati għandhom jitnaqqsu mill-kwota speċifika tal-Unjoni għall-qabdiet aċċessorji tat-tonn stabbilita skont it-Trattat u b'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

4. Jekk il-kwota allokata għall-Istat Membru tal-bastiment tas-sajd ikkonċernat jew tat-tunnara kkonċernata tkun diġà ntużat kollha, għandu jiġi evitat li jinqabad kwalunkwe tonn. It-tonn il-mejjet għandu jinħatt l-art ***sħiħ u mhux ipproċessat,*** u jiġi kkonfiskat u għandha tittieħed azzjoni xierqa ta' segwitu marbuta miegħu. B'konformità mal-Artikolu 27, kull Stat Membru għandu jibgħat it-tagħrif dwar tali kwantitajiet fuq bażi annwali lill-Kummissjoni li, min-naħa tagħha, għandha tibagħtu lis-Segretarjat tal-ICCAT.

5. Il-proċeduri msemmijin fl-Artikoli 25, 28, 29, 30 u 54 għandhom japplikaw għall-qabdiet aċċessorji.

TAQSIMA 3

UŻU TA' *[...] VETTURI TAL-AJRU*

Artikolu 16

Użu ta' vetturi tal-ajru

Għandu jkun ipprojbit l-użu ta' kwalunkwe vettura tal-ajru għat-tiftix tat-tonn, fosthom l-użu tal-ajruplani, tal-ħelikopters jew ta' kwalunkwe tip ta' vettura tal-ajru oħra mingħajr ekwipaġġ.

KAPITOLU IV

SAJD SPORTIV U SAJD RIKREATTIV

Artikolu 17

Kwota speċifika għas-sajd sportiv u s-sajd rikreattiv

Kull Stat Membru ***li għandu kwota tat-tonn*** għandu jirregola s-sajd sportiv u s-sajd rikreattiv billi jalloka kwota speċifika għall-finijiet ta' dak it-tip ta' sajd u għandu jgħarraf lill-Kummissjoni b'dan meta jibgħatilha l-pjan tas-sajd tiegħu.

Artikolu 18

Is-sajd sportiv u s-sajd rikreattiv

1. Kull Stat Membru li għandu kwota għat-tonn għandu jirregola s-sajd sportiv u s-sajd rikreattiv billi joħroġ awtorizzazzjonijiet tas-sajd lill-bastimenti għall-finijiet tas-sajd sportiv u s-sajd rikreattiv.

2. Għas-sajd sportiv u s-sajd rikreattiv, m'għandux ikun permess li wieħed jaqbad iktar minn tonna waħda għal kull bastiment kuljum.

3. It-tonn kollu li jinħatt l-art għandu jinħatt sħiħ jew bil-garġi mneħħijin u/jew imnaddaf.

4. Il-kummerċjalizzazzjoni tat-tonn maqbud waqt is-sajd sportiv u s-sajd rikreattiv għandha tkun ipprojbita.

5. Kull Stat Membru għandu jirreġistra d-dejta dwar il-qabdiet mis-sajd sportiv u s-sajd rikreattiv, fosthom il-piż u t-tul ta' kull tonna maqbuda waqt dan it-tip ta' sajd, u jibgħat id-dejta għas-sena ta' qabel lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dak it-tagħrif lill-SCRS.

6. Kull Stat Membru għandu jnaqqas l-għadd ta' ħut mejjet maqbud waqt is-sajd sportiv u s-sajd rikreattiv mill-kwota li huwa jkun alloka b'konformità mal-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 17.

KAPITOLU V

MIŻURI TA' KONTROLL

Artikolu 19 A

Relazzjoni mar-Regolament (KE) Nru 1224/2009

Il-miżuri ta' kontroll previsti f'dan il-Kapitolu għandhom japplikaw flimkien ma' dawk previsti fir-Regolament (KE) Nru 1224/2009, ħlief fejn previst mod ieħor f'dan il-Kapitolu.

TAQSIMA 1

REĠISTRI TAL-BASTIMENTI U TAT-TUNNARI

Artikolu 19

Reġistri tal-bastimenti

1. Kull sena, kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni, b'mod elettroniku, xahar qabel il-bidu tal-istaġuni tas-sajd imsemmija fl-Artikoli 10 u 11, meta jkun applikabbli, jew inkella xahar qabel il-bidu tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni:

(a) lista tal-bastimenti kollha tal-qbid li jtajru l-bandiera tiegħu li jkunu awtorizzati jistadu b'mod attiv għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran billi tkun inħarġitilhom awtorizzazzjoni ***[...]*** tas-sajd għal dan; u

(b) lista tal-bastimenti l-oħra kollha tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu, minbarra l-bastimenti tal-qbid, li jkunu awtorizzati jistadu għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran.

2. Iż-żewġ listi għandhom jiġu stabbiliti skont il-format mogħti fil-Linji Gwida tal-ICCAT għall-preżentazzjoni tad-dejta u tat-tagħrif meħtieġa.

3. F'sena kalendarja partikolari, bastiment tas-sajd jista' jiġi inkluż fiż-żewġ listi msemmija fil-paragrafu 1, sakemm ma jkunx inkluż fihom it-tnejn fl-istess ħin.

4. Il-listi stabbiliti fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu isem il-bastiment u n-numru tiegħu fir-reġistru tal-flotta tal-Unjoni (in-numru CFR) kif iddefinit fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 26/2004[28].

5. M'għandha tiġi aċċettata l-ebda preżentazzjoni retroattiva. Il-bidliet sussegwenti fil-listi msemmija fil-paragrafu 1 matul sena kalendarja għandhom jiġu aċċettati biss jekk il-bastiment tas-sajd innotifikat ikun miżmum milli jipparteċipa minħabba raġunijiet operattivi leġittimi jew forza maġġuri. F'ċirkostanzi bħal dawn, l-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf minnufih lill-Kummissjoni b'dan il-fatt, u għandu jipprovdi:

(a) id-dettalji kollha tal-bastiment(i) tas-sajd maħsub(a) biex jieħdu post bastiment inkluż fil-listi msemmija fil-paragrafu 1; u

(b) rendikont komprensiv tar-raġunijiet li jiġġustifikaw din is-sostituzzjoni u kwalunkwe evidenza jew referenza rilevanti ta' appoġġ.

6. Il-Kummissjoni għandha tibgħat it-tagħrif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 lis-Segretarjat tal-ICCAT sabiex dawk il-bastimenti jkunu jistgħu jitniżżlu fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti tal-qbid li huma awtorizzati jistadu b'mod attiv għat-tonn jew fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti l-oħra kollha tas-sajd (minbarra l-bastimenti tal-qbid) li huma awtorizzati jistadu għat-tonn.

7. L-Artikolu 8a(2), (6), (7) u (8) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1936/2001[29] għandu japplika bl-emendi meħtieġa.

Artikolu 20

Awtorizzazzjonijiet tas-sajd tal-bastimenti

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li ma jkunux imniżżlin fir-reġistri tal-ICCAT imsemmija fl-Artikolu 19(1) m'għandhomx ikunu awtorizzati jistadu għat-tonn, iżommuh abbord, jittrasbordawh, jittrasportawh, jittrasferixxuh, jipproċessawh jew iħottuh l-art fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran.

---

[28] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 26/2004 tat-30 ta' Diċembru 2003 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 25).

[29] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1936/2001 tas-27 ta' Settembru 2001 li jistabbilixxi miżuri ta' kontroll applikabbli għas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna (ĠU L 263, 3.10.2001, p. 1).

2. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jirtira l-awtorizzazzjoni tas-sajd għat-tonn u ***[...] jista'*** jitlob lill-bastiment jipproċedi immedjatament lejn port magħżul minnu meta jitqies li tkun ġiet eżawrita l-kwota individwali.

Artikolu 21

Reġistri tat-tunnari awtorizzati jintużaw għas-sajd għat-tonn

1. Sal-15 ta' Frar ta' kull sena, kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni, b'mod elettroniku, lista tat-tunnari kollha tiegħu li jkunu awtorizzati jintużaw għas-sajd għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran billi tkun inħarġitilhom awtorizzazzjoni ***[...]*** tas-sajd għal dan. Dik il-lista għandha tinkludi isem it-tunnari u n-numru tagħhom fir-reġistru u għandha tiġi stabbilita skont il-format mogħti fil-Linji Gwida tal-ICCAT għall-preżentazzjoni tad-dejta u tat-tagħrif meħtieġa.

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat din il-lista lis-Segretarjat tal-ICCAT sabiex dawk it-tunnari jkunu jistgħu jitniżżlu fir-reġistru tal-ICCAT tat-tunnari li huma awtorizzati jintużaw għas-sajd għat-tonn.

3. It-tunnari tal-Unjoni li ma jkunux imniżżlin fir-reġistru tal-ICCAT m'għandhomx ikunu awtorizzati jintużaw għas-sajd għat-tonn, għaż-żamma tiegħu, għat-trasferiment tiegħu, għat-tqegħid tiegħu fil-gaġeġ u għal ħatt l-art tiegħu fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran.

4. L-Artikolu 8a(2), (4), (6), (7) u (8) tar-Regolament (KEE) Nru 1936/2001 għandu japplika bl-emendi meħtieġa.

Artikolu 22

Attivitajiet konġunti tas-sajd

1. Kwalunkwe attività konġunta tas-sajd għat-tonn għandha tkun awtorizzata biss bil-kunsens tal-Istat(i) Membru(i) tal-bandiera kkonċernat(i). Sabiex jingħata din l-awtorizzazzjoni, kull bastiment tas-sajd bil-purse seine għandu jkun mgħammar biex jistad għat-tonn u għandu jkollu kwota individwali. L-attivitajiet konġunti tas-sajd imwettqin flimkien ma' PKK oħrajn m'għandhomx ikunu permessi.

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jikseb it-tagħrif li ġej mingħand il-bastimenti tas-sajd tiegħu li jkunu qed japplikaw għal awtorizzazzjoni biex jieħdu sehem f'attività konġunta tas-sajd:

   (a) it-tul ta' żmien tal-attività;

   (b) l-identità tal-operaturi involuti fiha;

   (c) il-kwoti tal-bastimenti individwali;

   (d) l-iskema ta' allokazzjoni tal-qabdiet involuti bejn il-bastimenti tas-sajd involuti; u

   (e) it-tagħrif dwar il-farms tal-ħut fejn ikun ser jittieħed it-tonn.

3. Kull Stat Membru għandu jibgħat it-tagħrif imsemmi fil-paragrafu 2 lill-Kummissjoni fil-format stipulat fl-Anness VI tal-inqas 15-il jum qabel ma tibda l-attività. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dak it-tagħrif lis-Segretarjat tal-ICCAT u lill-Istat tal-bandiera tal-bastimenti l-oħra tas-sajd li jkunu ser jieħdu sehem fl-attività konġunta tas-sajd tal-inqas 10 ijiem qabel ma tibda l-attività.

4. F'każ ta' forza maġġuri, m'għandhiex tapplika l-iskadenza stabbilita fil-paragrafu 3 għat-tagħrif mitlub fil-paragrafu 2(e). F'dak il-każ, l-Istati Membri jistgħu jibagħtu aġġornament dwar dak it-tagħrif lill-Kummissjoni kemm jista' jkun malajr, flimkien ma' deskrizzjoni tal-avvenimenti li kienu jikkostitwixxu l-forza maġġuri. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dak it-tagħrif lis-Segretarjat tal-ICCAT.

Taqsima 2
Qabdiet

Artikolu 23

Rekwiżiti ta' reġistrazzjoni

1. Minbarra li jikkonforma mal-Artikoli 14, 15, 23 u 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, jekk ikun applikabbli, il-kaptan ta' bastiment tal-qbid tal-Unjoni għandu jdaħħal fil-ġurnal ta' abbord it-tagħrif imniżżel fil-Parti A tal-Anness II.

2. Il-kaptani tal-bastimenti tal-irmunkar, tal-bastimenti awżiljarji u tal-bastimenti tal-ipproċessar għandhom jirreġistraw l-attivitajiet tagħhom skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Partijiet B, C u D tal-Anness II.

Artikolu 24

Rapporti tal-qabdiet mibgħuta mill-kaptani u mill-operaturi tat-tunnari

1. Il-kaptani tal-bastimenti tal-qbid li jkunu qed jistadu b'mod attiv għat-tonn għandhom jibagħtu t-tagħrif mill-ġurnal ta' abbord lill-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-bandiera ta' kuljum, fosthom in-numru tar-reġistru tal-ICCAT, isem il-bastiment, il-bidu u t-tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni, id-data, il-ħin, il-post (il-latitudni u l-lonġitudni) u l-piż u l-għadd tat-tonn maqbud fiż-żona tal-Konvenzjoni. Huma għandhom jibagħtu dak it-tagħrif b'mod elettroniku fil-format stabbilit fl-Anness V matul il-perjodu kollu li fih il-bastiment ikun awtorizzat jistad għat-tonn.

2. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd bil-purse seine għandhom joħorġu r-rapporti ta' kuljum kif imsemmi fil-paragrafu 1 għal attività tas-sajd fuq il-bażi ta' attività tas-sajd b'attività tas-sajd, inklużi dawk l-attivitajiet li matulhom ma jkunu qabdu xejn.

3. L-operatur għandu jibgħat ir-rapporti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-bandiera tiegħu kuljum sa mhux aktar tard mid-9.00 GMT għall-ġurnata ta' qabel għall-bastimenti tas-sajd bil-purse seine u għall-bastimenti ta' iktar minn 24 metru u sa mhux aktar tard minn nofsillejl tat-Tnejn għall-ġimgħa ta' qabel li tkun intemmet f'nofsillejl GMT tal-Ħadd għall-bastimenti tal-qbid l-oħrajn.

4. L-operaturi tat-tunnari użati għas-sajd attiv għat-tonn għandhom jibagħtu rapport tal-qabdiet ta' kuljum, fosthom in-numru tar-reġistru tal-ICCAT, id-data, il-ħin, il-qabdiet (il-piż u l-għadd tal-ħut maqbud), inkluż meta ma jkunu qabdu xejn. Huma għandhom jibagħtu dak it-tagħrif b'mod elettroniku fi żmien 48 siegħa lill-awtoritajiet tal-Istat Membru tagħhom fil-format stabbilit fl-Anness V matul il-perjodu kollu li fih huma jkunu awtorizzati jistadu għat-tonn.

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dettaljati għar-reġistrazzjoni u r-rappurtar tal-attivitajiet tal-bastimenti u tat-tunnari skont il-paragrafi 1 sa 4 ***kif ukoll skont l-Annessi msemmija f'dawk il-paragrafi***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 59(2).

[...]

Artikolu 25

__[...] R__apporti tal-qabdiet mibgħuta mill-Istati Membri

1. Malli jirċievi r-rapporti tal-qabdiet imsemmija fl-Artikolu 24, kull Stat Membru għandu jgħaddihom mill-ewwel lill-Kummissjoni b'mod elettroniku u huwa għandu jipprovdi minnufih lill-Kummissjoni r-rapporti tal-qabdiet ta' kull ġimgħa għall-bastimenti tal-qbid u għat-tunnari kollha skont il-format stabbilit fl-Anness V. Kull ġimgħa, il-Kummissjoni għandha tibgħat dak it-tagħrif lis-Segretarjat tal-ICCAT skont il-format mogħti fil-Linji gwida għall-preżentazzjoni tad-dejta u tat-tagħrif meħtieġa mill-ICCAT.

2. Qabel il-ħmistax-il jum ta' kull xahar, kull Stat Membru għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet ta' tonn maqbud fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran li jkun inħatt l-art, ġie ttrasbordat, inqabad fit-tunnari jew tqiegħed fil-gaġeġ matul ix-xahar ta' qabel mill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu jew mit-tunnari li huma rreġistrati fih. It-tagħrif mibgħut għandu jkun imqassam skont it-tip ta' rkaptu, inkluża l-qabdiet aċċessorji, il-qabdiet mis-sajd sportiv u s-sajd rikreattiv u l-attivitajiet tas-sajd li matulhom ma jinqabad l-ebda ħut. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dak it-tagħrif lis-Segretarjat tal-ICCAT minnufih.

Artikolu 26

Tagħrif dwar l-eżawriment tal-kwoti

1. Minbarra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 34 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, kull Stat Membru għandu jgħarraf lill-Kummissjoni meta jitqies li l-kwota allokata għal grupp ta' rkaptu msemmija fl-Artikoli 10 u 11 ta' dan ir-Regolament tkun laħqet it-80 %.

2. Minbarra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 35 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, kull Stat Membru għandu jgħarraf lill-Kummissjoni meta jitqies li l-kwota allokata għal grupp ta' rkaptu msemmi fl-Artikoli 10 u 11 ta' dan ir-Regolament jew għal attività konġunta tas-sajd jew għal bastiment tas-sajd bil-purse seine tkun ġiet eżawrita.

3. Mat-tagħrif imsemmi fil-paragrafu 2 għandha tintbagħat id-dokumentazzjoni uffiċjali li tagħti provi tas-sejħa għall-waqfien mis-sajd jew għal ritorn lura fil-port li l-Istat Membru ħareġ għall-flotta, il-grupp ta' rkaptu, l-attività konġunta tas-sajd jew il-bastimenti tas-sajd li għandhom kwota individwali, u li tinkludi indikazzjoni ċara tad-data u l-ħin tal-għeluq tas-sajd.

Artikolu 27

Rappurtar ta' kull sena tal-qabdiet mill-Istati Membri

1. Sal-15 ta' Marzu ta' kull sena, kull Stat Membru***, jekk ikun japplika,*** għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bit-tagħrif iddettaljat dwar ***kwalunkwe*** qabda ta' tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran li kien hemm matul is-sena tas-sajd ta' qabel. Dan it-tagħrif għandu jinkludi:

   a) isem kull bastiment tal-qbid u n-numru tal-ICCAT tiegħu;

   b) il-perjodu tal-awtorizzazzjoni(jiet) għal kull bastiment tal-qbid;

   c) il-qabdiet totali ta' kull bastiment tal-qbid matul il-perjodu tal-awtorizzazzjoni(jiet), inkluż meta ma nqabad l-ebda ħut;

   d) l-għadd totali ta' jiem li matulhom kull bastiment tal-qbid ikun stad fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran matul il-perjodu tal-awtorizzazzjoni(jiet); u

   e) il-qabda totali li kien hemm barra l-perjodu tal-awtorizzazzjoni (qabda aċċessorja), inkluż meta ma nqabad l-ebda ħut.

2. Għall-bastimenti li mhumiex awtorizzati jistadu b'mod attiv għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran iżda li jkunu qabdu t-tonn bħala qabda aċċessorja, it-tagħrif li għandu jintbagħat lill-Kummissjoni fl-istess data mogħtija fil-paragrafu 1 għandu jinkludi:

   a) isem il-bastiment u n-numru tal-ICCAT tiegħu jew in-numru tiegħu fir-reġistru nazzjonali, jekk dan ma jkunx irreġistrat mal-ICCAT; u

   b) il-qabdiet totali tat-tonn.

3. Kull Stat Membru għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bi kwalunkwe tagħrif dwar il-bastimenti li mhumiex koperti mill-paragrafi 1 u 2, iżda li huwa magħruf jew preżunt li stadu għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran.

4. Il-Kummissjoni għandha tibgħat lis-Segretarjat tal-ICCAT it-tagħrif li hija tkun irċeviet skont il-paragrafi 1, 2 u 3.

Taqsima 3
Ħatt l-art u trasbord

Artikolu 28

Portijiet magħżulin

1. Kull Stat Membru għandu jagħżel xi portijiet jew postijiet qrib ix-xatt (il-portijiet magħżulin) fejn ikunu permessi l-attivitajiet ta' ħatt l-art tat-tonn jew tat-trasbord tiegħu.

2. Biex port jiġi stabbilit bħala port magħżul, l-Istat Membru tal-port għandu jispeċifika l-ħinijiet meta jkunu permessi ħatt l-art u trasbord u l-postijiet fejn dawn l-attivitajiet ikunu permessi.

3. Sal-15 ta' Frar ta' kull sena, kull Stat Membru għandu jibgħat lista tal-portijiet magħżulin lill-Kummissjoni, li, min-naħa tagħha, għandha tibgħat dan it-tagħrif lis-Segretarjat tal-ICCAT.

4. M'għandux ikun permess li wieħed iħott l-art jew jittrasborda mill-bastimenti tas-sajd kwalunkwe kwantità ta' tonn mistad fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran f'postijiet oħra minbarra l-portijiet jew il-postijiet qrib ix-xatt magħżulin mill-PKK u mill-Istati Membri skont il-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 29

Ħatt l-art

1. L-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 għandu japplika għall-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ta' iktar minn 12-il metru li huma inklużi fil-lista tal-ICCAT tal-bastimenti msemmija fl-Artikolu 19. In-notifika qabel il-wasla skont l-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament għandha tintbagħat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru (inkluż l-Istat Membru tal-bandiera) jew tal-PKK li huma jkunu jixtiequ jużaw il-portijiet jew il-faċilità ta' ħatt l-art tagħha.

2. Barra minn hekk, mill-inqas erba' sigħat qabel il-ħin stmat tal-wasla tagħhom fil-port, il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ta' tul totali ta' inqas minn 12-il metru li huma inklużi fil-lista tal-ICCAT imsemmija fl-Artikolu 19 għandhom jgħarrfu lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru (inkluż l-Istat Membru tal-bandiera) jew tal-PKK li huma jkunu jixtiequ jużaw il-portijiet jew il-faċilità ta' ħatt l-art tagħha, tal-inqas b'dan li ġej:

   (a) il-ħin stmat tal-wasla tagħhom;

   (b) l-istima tal-kwantità ta' tonn miżmum abbord; u

   (c) it-tagħrif dwar iż-żona ġeografika fejn ikunu saru l-qabdiet.

3. ***[...] Jekk il-post għas-sajd ikun inqas minn erba' sigħat mill-port, l-istima tal-kwantitajiet ta' tonn miżmum abbord tista' tinbidel fi kwalunkwe ħin qabel il-wasla.***

4. L-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-port għandhom iżommu reġistru tan-notifiki kollha ta' qabel għas-sena attwali.

5. Il-qabdiet kollha li jinħattu l-art***, b'konformità mal-Artikolu 53(2),*** għandhom ikunu kkontrollati mill-awtoritajiet ta' kontroll rilevanti tal-Istat Membru tal-port u għandu jiġi spezzjonat perċentwali tagħhom abbażi ta' sistema ta' valutazzjoni tar-riskju li tinvolvi l-kwota, id-daqs tal-flotta u l-isforz tas-sajd. Id-dettalji kollha ta' din is-sistema ta' kontroll adottata minn kull Stat Membru għandhom jingħataw fil-pjan ta' spezzjoni annwali msemmi fl-Artikolu 51. Din is-sistema ta' kontroll għandha tapplika wkoll għall-attivitajiet tal-ħsad.

6. ***[...]***

7. Minbarra li jikkonformaw mal-Artikolu 23(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, ***jekk ħatt l-art ikun sar f'port ta' Stat Membru ieħor jew ta' PKK oħra***, wara kull vjaġġ, il-kaptani ta' bastimenti tal-qbid tal-Unjoni għandhom jibagħtu dikjarazzjoni ta' ħatt l-art ***[...]: lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-port jew il-PKK ikkonċernata.***

a) ***[...]***

b) ***[...]***

8. ***[...]***

Artikolu 30

Trasbord

1. ***[...]I***t-trasbord tat-tonn fuq il-baħar ***[...] fiż-żona tal-Konvenzjoni*** għandu jkun ipprojbit fiċ-ċirkostanzi kollha.

2. Il-bastimenti tas-sajd għandhom jittrasbordaw il-qabdiet tat-tonn fil-portijiet magħżulin biss, bil-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 28.

3. L-Istat Membru tal-port għandu jiżgura kopertura sħiħa tal-ispezzjoni waqt il-ħinijiet kollha tat-trasbord u fil-postijiet kollha tat-trasbord.

4. Qabel jidħlu fi kwalunkwe port u mill-inqas 48 siegħa qabel il-ħin stmat tal-wasla, il-kaptani tal-bastiment tas-sajd li jkunu qed jirċievu l-ħut jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jibagħtu t-tagħrif li ġej lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jew tal-PKK li huma jkunu jridu jużaw il-port tagħha:

(a) id-data u l-ħin stmati tal-wasla tagħhom u l-port tal-wasla;

(b) l-istima tal-kwantità ta' tonn miżmum abbord u t-tagħrif dwar iż-żona ġeografika fejn ikun inqabad;

(c) isem il-bastiment tas-sajd li qed jittrasborda l-ħut u n-numru tiegħu fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti tal-qbid li huma awtorizzati jistadu b'mod attiv għat-tonn jew fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti l-oħra tas-sajd li huma awtorizzati jistadu għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran;

(d) isem il-bastiment tas-sajd li qed jirċievi l-ħut u n-numru tiegħu fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti tal-qbid li huma awtorizzati jistadu b'mod attiv għat-tonn jew fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti l-oħra tas-sajd li huma awtorizzati jistadu għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran; u

(e) it-tunnellaġġ tat-tonn li għandu jiġi ttrasbordat u ż-żona ġeografika fejn ikun inqabad.

5. Il-bastimenti tas-sajd m'għandhomx jitħallew jittrasbordaw il-ħut sakemm ma jkunux kisbu awtorizzazzjoni minn qabel għal dan mill-Istat tal-bandiera tagħhom.

6. Qabel ma jibda t-trasbord, il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd li jkunu qed jittrasbordaw il-ħut għandhom jgħarrfu lill-Istat tal-bandiera tal-bastimenti tagħhom b'dan li ġej:

(a) il-kwantitajiet ta' tonn li għandhom jiġi ttrasbordati;

(b) id-data meta għandu jsir it-trasbord u l-port fejn dan għandu jsir;

(c) l-isem, in-numru ta' reġistrazzjoni u l-bandiera tal-bastiment tas-sajd li jkun ser jirċievi l-ħut u n-numru tiegħu fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti tal-qbid li huma awtorizzati jistadu b'mod attiv għat-tonn jew fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti l-oħra tas-sajd li huma awtorizzati jistadu għat-tonn; u

(d) iż-żona ġeografika fejn inqabad it-tonn.

7. Kull trasbord għandu jiġi spezzjonat mill-awtoritajiet tal-Istat Membru fil-port magħżul. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha:

(a) tispezzjona l-bastiment li jkun irċieva l-ħut hekk kif dan jasal fil-port u tivverifika t-tagħbija u d-dokumentazzjoni marbuta mal-attività tat-trasbord; u

(b) tibgħat rekord tat-trasbord lill-awtorità tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment tal-qbid li jkun ittrasborda l-ħut fi żmien ħamest ijiem minn meta jintemm it-trasbord.

8. ***[...]*** Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ***[...] jibagħtu dikjarazzjoni tat-trasbord b'konformità mal-Artikoli 21 u 22 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.*** Dik id-dikjarazzjoni għandha tintbagħat ***[...]*** skont il-format stipulat fl-Anness III.

Taqsima 4
Attivitajiet ta' trasferiment

Artikolu 31

Awtorizzazzjoni ta' trasferiment

1. Qabel kull attività ta' trasferiment, il-kaptan ta' bastiment tal-qbid jew l-operatur tal-farm tal-ħut jew tat-tunnara minn fejn joriġina t-trasferiment ikkonċernat għandu jibgħat notifika minn qabel tat-trasferiment lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tiegħu, li jkun fiha:

   (a) l-isem tal-bastiment tal-qbid, tal-bastiment tal-irmunkar, tal-farm tal-ħut jew tat-tunnara u n-numru tagħhom fir-reġistru tal-ICCAT;

   (b) il-ħin stmat tat-trasferiment;

   (c) l-istima tal-kwantità ta' tonn li għandu jiġi ttrasferit;

   (d) tagħrif dwar il-pożizzjoni fejn ikun ser isir it-trasferiment (il-latitudni/il-lonġitudni) u n-numri identifikabbli tal-gaġeġ;

   (e) isem il-bastiment tal-irmunkar li jkun ser jirċievi l-ħut, l-għadd ta' gaġeġ irmunkati u, fejn ikun xieraq, in-numru tiegħu fir-reġistru tal-ICCAT; u

   (f) il-port, il-farm tal-ħut jew il-gaġġa fejn ikun ser jittieħed it-tonn.

2. Għal dan il-għan, kull gaġġa għandha tingħata numru uniku. In-numri għandhom jinħarġu permezz ta' sistema ta' numerar uniku li tinkludi mill-inqas tliet ittri tal-kodiċi tal-alfa li jikkorrispondu għall-bandiera tal-bastimenti tal-irmunkar, segwiti minn tliet numri.

3. Il-bastimenti tas-sajd, il-farms tal-ħut u t-tunnari m'għandhomx jitħallew jagħmlu t-trasferiment sakemm ma jkunux kisbu awtorizzazzjoni minn qabel għal dan mill-Istat tagħhom. L-awtoritajiet tal-Istat Membru responsabbli għandhom jiddeċiedu jekk jagħtux l-awtorizzazzjoni għal kull attività ta' trasferiment jew le. Għal dan il-għan, kull attività ta' trasferiment għandha tingħata numru uniku ta' identifikazzjoni, li għandu jintbagħat lill-kaptan tal-bastiment tas-sajd, lill-operatur tat-tunnara jew lill-operatur tal-farm tal-ħut skont il-każ. F'każ li tingħata l-awtorizzazzjoni, dak in-numru għandu jkun fih il-kodiċi tal-Istat Membru bi tliet ittri, l-erba' numri li juru s-sena u t-tliet ittri "AUT" (awtorizzazzjoni), segwiti minn numri sekwenzjali. F'każ li l-awtorizzazzjoni tiġi rrifjutata, dak in-numru għandu jkun fih il-kodiċi tal-Istat Membru bi tliet ittri, l-erba' numri li juru s-sena u t-tliet ittri "NEG" (mingħajr awtorizzazzjoni), segwiti minn numri sekwenzjali.

4. F'każ li l-ħut imut waqt li jkun qed jiġi ttrasferit, l-Istati Membri responsabbli u l-operaturi involuti fl-attività ta' trasferiment għandhom jimxu skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness XII.

5. L-Istat Membru responsabbli għall-bastiment tal-qbid, għall-bastiment tal-irmunkar, għall-farm tal-ħut jew għat-tunnara għandu jagħti l-awtorizzazzjoni biex isir it-trasferiment jew jirrifjutaha, skont il-każ, fi żmien 48 siegħa minn meta tintbagħat in-notifika minn qabel tat-trasferiment.

6. L-awtorizzazzjoni tat-trasferiment mill-Istat Membru responsabbli m'għandhiex tippreġudika l-awtorizzazzjoni tal-attività ta' tqegħid fil-gaġeġ.

Artikolu 32

Rifjut tal-awtorizzazzjoni ta' trasferiment

1. L-Istat Membru li jkun responsabbli għall-bastiment, għall-farm tal-ħut jew għat-tunnara m'għandux jawtorizza t-trasferiment jekk, malli jirċievi n-notifika minn qabel tat-trasferiment, huwa jqis li:

   (a) il-bastiment tal-qbid jew it-tunnara li ġie ddikjarat li qabdu l-ħut m'għandhomx kwota biżżejjed;

   (b) l-operatur tal-bastiment tal-qbid jew tat-tunnara ma rrappurtax kif suppost il-kwantità tal-ħut, jew ma kienx hemm awtorizzazzjoni biex din il-kwantità tinżamm fil-gaġeġ, jew li din il-kwantità ma tqisitx għall-konsum tal-kwota li tista' tkun applikabbli;

   (c) il-bastiment tal-qbid jew it-tunnara li ġie ddikjarat li qabdu l-ħut mhumiex awtorizzati jistadu għat-tonn; jew

   (d) il-bastiment tal-irmunkar iddikjarat bħala l-bastiment li ser jirċievi l-ħut ittrasferit mhuwiex irreġistrat fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti l-oħra kollha tas-sajd (minbarra l-bastimenti tal-qbid) li huma awtorizzati jistadu għat-tonn, imsemmija fl-Artikolu 19(1)(b), jew mhuwiex mgħammar b'Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti (VMS).

2. Jekk it-trasferiment ma jiġix awtorizzat:

   (a) l-Istat Membru responsabbli għall-bastiment tal-qbid jew għat-tunnara għandu joħroġ ordni tar-rilaxx lill-kaptan tal-bastiment tal-qbid jew lill-operatur tat-tunnara jew tal-farm tal-ħut, skont il-każ, u javżahom li t-trasferiment mhuwiex awtorizzat u li l-ħut għandu jintelaq il-baħar;

   (b) il-kaptan tal-bastiment tal-qbid jew l-operatur tal-farm tal-ħut jew tat-tunnara għandu jitlaq il-ħut il-baħar skont il-każ; u

   (c) it-tonn għandu jintelaq il-baħar skont il-proċeduri stipulati fl-Anness XI.

Artikolu 33

Il-monitoraġġ permezz ta' vidjokamera

1. Għall-attivitajiet tat-trasferiment, il-kaptan tal-bastiment tal-qbid jew tal-bastiment tal-irmunkar jew l-operatur tal-farm tal-ħut jew tat-tunnara li jkun qed jittrasferixxi t-tonn għandu jiżgura li l-attivitajiet tat-trasferiment jiġu mmonitorjati permezz ta' vidjokamera fl-ilma sabiex jiġi vverifikat l-għadd ta' ħut li jkun qed jiġi ttrasferit. L-istandards minimi u l-proċeduri għar-reġistrazzjoni bil-vidjokamera għandhom ikunu skont l-Anness IX.

2. Kull Stat Membru li huwa responsabbli għall-bastimenti, għall-farms tal-ħut jew għat-tunnari għandu jiżgura li r-reġistrazzjonijiet bil-vidjokamera msemmija fil-paragrafu 1 jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ispetturi u tal-osservaturi reġjonali tal-ICCAT.

3. Kull Stat Membru li huwa responsabbli għall-bastimenti, għall-farms tal-ħut jew għat-tunnari għandu jiżgura li r-reġistrazzjonijiet bil-vidjo msemmija fil-paragrafu 1 jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ispetturi u tal-osservaturi nazzjonali tal-Unjoni.

4. Kull Stat Membru li huwa responsabbli għall-bastimenti, għall-farms tal-ħut jew għat-tunnari għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jevita kull tibdil, editjar jew manipulazzjoni tar-reġistrazzjoni oriġinali bil-vidjokamera.

Artikolu 34

Verifika mwettqa mill-osservaturi reġjonali tal-ICCAT u t-tnedija ta' investigazzjoni u t-twettiq tagħha

1. Kif imsemmi fil-Programm ta' osservaturi reġjonali tal-ICCAT stabbilit fl-Artikolu 49 u fl-Anness VII, l-osservaturi reġjonali tal-ICCAT abbord il-bastiment tal-qbid jew preżenti fil-post fejn tinsab it-tunnara għandhom jirreġistraw l-attivitajiet ta' trasferiment imwettqin u jagħmlu rapport dwarhom, josservaw il-qabdiet ittrasferiti u jagħmlu stima tagħhom, u jivverifikaw l-entrati li saru fl-awtorizzazzjoni tat-trasferiment minn qabel imsemmija fl-Artikolu 31 u fid-dikjarazzjoni tat-trasferiment tal-ICCAT imsemmija fl-Artikolu 36.

2. F'każ li jkun hemm differenza ta' aktar minn 10 % fl-għadd tal-istimi tal-qabda magħmulin mill-osservatur reġjonali tal-ICCAT, mill-awtoritajiet ta' kontroll rilevanti u/jew mill-kaptan tal-bastiment tal-qbid jew mir-rappreżentant tat-tunnara, jew meta r-reġistrazzjoni bil-vidjokamera ma tkunx ta' kwalità tajba biżżejjed jew ma tkunx ċara biżżejjed biex isiru t-tali stimi, l-Istat Membru responsabbli għall-bastiment tal-qbid, għall-farm tal-ħut jew għat-tunnara għandu jniedi investigazzjoni dwar dan li għandha tintemm qabel il-ħin tat-tqegħid fil-gaġeġ fil-farm tal-ħut jew fi kwalunkwe każ fi żmien 96 siegħa minn meta titnieda. Sakemm joħorġu r-riżultati ta' dik l-investigazzjoni, m'għandux jiġi awtorizzat it-tqegħid fil-gaġeġ u t-taqsima tal-qabdiet fid-dokument dwar il-qabdiet tat-tonn m'għandhiex tiġi vvalidata.

3. Madankollu, meta r-reġistrazzjoni bil-vidjokamera ma tkunx ta' kwalità tajba biżżejjed jew ma tkunx ċara biżżejjed biex jiġi stmat l-għadd ta' tonn, l-operatur jista' jitlob lill-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment, tat-tunnara jew tal-farm tal-ħut biex jagħmel trasferiment ġdid u biex jibgħat ir-reġistrazzjoni korrispondenti bil-vidjokamera lill-osservatur reġjonali tal-ICCAT.

4. Mingħajr preġudizzju għall-verifiki mwettqin minn spettur, l-osservaturi reġjonali tal-ICCAT għandhom jiffirmaw id-dikjarazzjoni tat-trasferiment tal-ICCAT biss meta l-osservazzjonijiet tagħhom ikunu konformi mal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-ICCAT u meta t-tagħrif li jinsab fid-dikjarazzjoni tat-trasferiment ikun konsistenti mal-osservazzjonijiet tagħhom, inkluża reġistrazzjoni konformi bil-vidjokamera, kif meħtieġ skont l-Artikolu 33(1). Huma għandhom jiffirmaw dik id-dikjarazzjoni b'isem miktub b'mod ċar u b'numru ċar tal-ICCAT.

5. L-osservaturi reġjonali tal-ICCAT għandhom jivverifikaw ukoll li d-dikjarazzjoni tat-trasferiment tal-ICCAT tintbagħat lill-kaptan tal-bastiment tal-irmunkar jew lir-rappreżentant tal-farm tal-ħut jew tat-tunnara.

Artikolu 35

Miżuri biex isiru stimi tal-għadd ta' tonn li għandu jitqiegħed fil-gaġeġ u tal-piż tiegħu

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri u l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex ikomplu jeżaminaw il-metodi biex itejbu l-istimi kemm tal-għadd ta' tonn u kemm tal-piż tiegħu fil-mument tal-qabda tiegħu u tat-tqegħid tiegħu fil-gaġeġ. Sat-22 ta' Awwissu ta' kull sena, kull Stat Membru għandu jibgħat rapport lill-Kummissjoni dwar il-miżuri li jkun ħa, u din għandha tibgħat dawn ir-rapporti lill-SCRS.

Artikolu 36

Dikjarazzjoni tat-trasferiment

1. Malli tintemm l-attività ta' trasferiment, il-kaptani tal-bastimenti tal-qbid jew tal-irmunkar jew l-operaturi tat-tunnari jew tal-farms tal-ħut għandhom jimlew id-dikjarazzjoni tat-trasferiment tal-ICCAT u jibagħtuha lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tagħhom, skont il-format stipulat fl-Anness IV.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru responsabbli għall-bastimenti, għall-farms tal-ħut jew għat-tunnari li minnhom joriġinaw it-trasferimenti għandhom jagħtu numru lill-formoli tad-dikjarazzjoni ta' trasferiment. Is-sistema ta' numerar għandha tinkludi l-kodiċi tal-Istat Membru bi tliet ittri, segwit mill-erba' numri li juru s-sena, u tliet numri sekwenzjali segwiti mit-tliet ittri 'ITD' (SM-20**/xxx/ITD).

3. Id-dikjarazzjoni oriġinali tat-trasferiment għandha takkumpanja t-trasferiment tal-ħut. Il-kaptan tal-bastiment tal-qbid, l-operatur tat-tunnara, il-kaptan tal-bastiment tal-irmunkar jew l-operatur tal-farm tal-ħut għandu jżomm kopja tad-dikjarazzjoni.

4. Il-kaptani tal-bastimenti li jkunu qed iwettqu l-attivitajiet ta' trasferiment (inklużi l-bastimenti tal-irmunkar) għandhom jirrappurtaw l-attivitajiet tagħhom skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II.

Artikolu 37

Atti ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dettaljati għall-attivitajiet ta' trasferiment skont l-Artikoli 31 sa 36, ***inkluż skont l-Annessi msemmija f'dawk l-Artikoli***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 59(2).

[...]

Taqsima 5
Attivitajiet ta' tqegħid fil-gaġeġ

Artikolu 38

L-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ

1. Qabel ma tibda kull attività ta' tqegħid fil-gaġeġ, għandu jiġi pprojbit li jiġu mmażżrati gaġeġ tat-trasport f'żona ta' nofs mil nawtiku mill-faċilitajiet tal-farm tal-ħut.

2. Qabel kull attività ta' tqegħid fil-gaġeġ, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru responsabbli għall-farm tal-ħut għandha tgħarraf lill-Istat Membru jew lill-PKK responsabbli għall-bastiment tal-qbid jew għat-tunnara bil-kwantitajiet tal-ħut maqbuda minn dak il-bastiment tal-qbid jew f'dik it-tunnara u għandha titlobhom awtorizzazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ.

3. L-attività ta' tqegħid fil-gaġeġ m'għandhiex tibda qabel ma tingħata awtorizzazzjoni minn qabel għal dan mingħand:

   (a) il-PKK jew l-Istat Membru responsabbli għall-bastiment tal-qbid jew għat-tunnara; jew

   (b) il-PKK jew l-Istat Membru responsabbli għall-farm tal-ħut jekk ikun hemm qbil dwar dan fost l-Istati Membri involuti jew mal-PKK tal-bandiera involuta.

4. Il-PKK jew l-Istat Membru responsabbli għall-bastiment tal-qbid, għall-farm tal-ħut jew għat-tunnara għandhom jagħtu l-awtorizzazzjoni biex il-ħut jitqiegħed fil-gaġeġ jew jirrifjutawha, jekk ikun hemm bżonn, fi żmien jum ta' xogħol minn meta ssir it-talba u minn meta jintbagħat it-tagħrif imsemmi fil-paragrafu 2. Jekk il-PKK jew l-Istat Membru responsabbli għall-farm tal-ħut ma jirċievu l-ebda tweġiba fi żmien jum ta' xogħol dwar dan, huma jistgħu jagħtu l-awtorizzazzjoni tagħhom biex il-ħut jitqiegħed fil-gaġeġ.

5. It-tonn għandu jitqiegħed fil-gaġeġ qabel il-15 ta' Awwissu, sakemm l-Istat Membru jew il-PKK responsabbli għall-farm tal-ħut li jkun qed jirċievi l-ħut ma jipprovdix raġunijiet iġġustifikati kif xieraq għal dan. Dawn ir-raġunijiet għandhom jingħataw mar-rapport dwar it-tqegħid fil-gaġeġ.

Artikolu 39

Rifjut tal-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fil-gaġeġ

1. L-Istat Membru responsabbli għall-bastiment tal-qbid, għall-farm tal-ħut jew għat-tunnara għandu jirrifjuta l-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fil-gaġeġ, jekk dan ikun applikabbli, jekk, malli jirċievi t-tagħrif imsemmi fl-Artikolu 38(2), huwa jqis li:

   (a) il-bastiment tal-qbid jew it-tunnara li ġie ddikjarat li qabdu l-ħut ma kellhomx kwota biżżejjed għat-tonn li tqiegħed fil-gaġġa;

   (b) l-operatur tal-bastiment tal-qbid jew tat-tunnara ma rrappurtax kif suppost il-kwantità tal-ħut jew li din il-kwantità ma tqisitx għall-kalkolu tal-kwota applikabbli;

   (c) il-bastiment tal-qbid jew it-tunnara li ġie ddikjarat li qabdu l-ħut mhumiex awtorizzati jistadu għat-tonn.

2. Jekk it-tqegħid fil-gaġeġ ma jiġix awtorizzat, l-Istat Membru jew il-PKK responsabbli għall-bastiment tal-qbid għandha titlob lill-Istat Membru jew lill-PKK responsabbli għall-farm tal-ħut biex tissekwestra l-qabdiet u titlaq il-ħut il-baħar billi toħroġ ordni tar-rilaxx.

3. Malli jirċievi l-ordni tar-rilaxx, l-operatur tal-farm tal-ħut għandu jitlaq il-ħut il-baħar skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness XI.

Artikolu 40

Dokumentazzjoni dwar il-qabdiet tat-tonn

L-Istati Membri li huma responsabbli għall-farms tal-ħut għandhom jipprojbixxu kwalunkwe tqegħid fil-gaġeġ, għall-finijiet tat-trobbija, ta' tonn li ma jkollux miegħu d-dokumentazzjoni meħtieġa mill-ICCAT skont ir-Regolament (UE) Nru 640/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30]. Id-dokumentazzjoni trid tkun preċiża u kompluta u trid tkun ġiet ikkonfermata u vvalidata mill-awtoritajiet tal-Istat Membru jew tal-PKK tal-bastimenti tal-qbid jew tat-tunnari.

Artikolu 41

Spezzjonijiet

L-Istati Membri li huma responsabbli għall-farms tal-ħut għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jispezzjonaw kull attività ta' tqegħid fil-gaġeġ li ssir fil-farms tal-ħut.

---

30 Ir-Regolament (UE) Nru 640/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 li jistabbilixxi programm ta' dokumentazzjoni tal-qbid għat-tonn Thunnus thynnus u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1984/2003 (ĠU L 194, 24.7.2010, p. 1).

Artikolu 42

Il-monitoraġġ permezz ta' vidjokamera

1. Kull Stat Membru li huwa responsabbli għall-farms tal-ħut għandu jiżgura li l-attivitajiet ta' tqegħid fil-gaġeġ jiġu mmonitorjati permezz ta' vidjokamera fl-ilma. Għandha ssir reġistrazzjoni bil-vidjokamera għal kull attività ta' tqegħid fil-gaġeġ skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness IX.

2. Kull Stat Membru li huwa responsabbli għall-farms tal-ħut għandu jiżgura li r-reġistrazzjonijiet bil-vidjokamera msemmija fil-paragrafu 1 jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ispetturi u tal-osservaturi reġjonali tal-ICCAT.

3. Kull Stat Membru li huwa responsabbli għall-farms tal-ħut għandu jiżgura li r-reġistrazzjonijiet bil-vidjokamera msemmija fil-paragrafu 1 jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ispetturi u tal-osservaturi nazzjonali tal-Unjoni.

4. Kull Stat Membru li huwa responsabbli għall-farms tal-ħut għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jevita kull tibdil, editjar jew manipulazzjoni tar-reġistrazzjoni oriġinali bil-vidjokamera.

Artikolu 43

Tnedija ta' investigazzjonijiet u twettiq tagħhom

1. Fejn ikun hemm differenza ta' aktar minn 10 % fl-għadd tat-tonn stmat mill-osservatur reġjonali tal-ICCAT, mill-awtoritajiet ta' kontroll tal-Istat Membru rilevanti u mill-operatur tal-farm tal-ħut, l-Istat Membru responsabbli għall-farm tal-ħut għandu jniedi investigazzjoni dwar dan b'kooperazzjoni mal-Istat Membru responsabbli għall-bastiment tal-qbid jew għat-tunnara.

2. Sakemm joħorġu r-riżultati ta' dik l-investigazzjoni, m'għandux isir ħsad u t-taqsima tat-trobbija tad-dokument dwar il-qabdiet tat-tonn m'għandhiex tiġi vvalidata.

3. L-Istati Membri responsabbli għall-farm tal-ħut u għall-bastiment tal-qbid jew għat-tunnara li jkunu qed iwettqu l-investigazzjonijiet jistgħu jużaw it-tagħrif l-ieħor li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom, inklużi r-riżultati tal-programmi msemmija fl-Artikolu 44, biex itemmu l-investigazzjoni tagħhom.

Artikolu 44

Miżuri u programmi biex jiġu stmati l-għadd ta' tonn li għandu jitqiegħed fil-gaġeġ u l-piż tiegħu

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri u l-azzjonijiet kollha meħtieġa kif imsemmi fl-Artikolu 35.

2. Programm li juża sistemi ta' kameras sterjoskopiċi jew tekniki alternattivi li jipprovdu l-istess livell ta' preċiżjoni għandu jkopri l-attivitajiet kollha tat-tqegħid fil-gaġeġ sabiex jiġi rfinat l-għadd ta' ħut f'kull attività tat-tqegħid fil-gaġeġ u l-piż tiegħu.

3. Dak il-programm għandu jiġi implimentat skont il-proċeduri stipulati fl-Anness X.

4. L-Istat Membru responsabbli għall-farm tal-ħut għandu jibgħat ir-riżultati ta' dak il-programm lill-Istat Membru li jkun responsabbli għall-bastiment jew għat-tunnara u lill-Kummissjoni skont il-Parti B tal-Anness X. Il-Kummissjoni mbagħad għandha tibagħtu lis-Segretarjat tal-ICCAT li għandu jibagħtu lill-osservatur reġjonali tal-ICCAT.

5. F'każ li r-riżultati tal-programm juru li l-kwantitajiet tat-tonn li jkun qed jitqiegħed fil-gaġeġ ikunu jvarjaw mill-kwantitajiet tat-tonn iddikjarati bħala maqbudin u ttrasferiti, l-Istat Membru responsabbli għall-farm tal-ħut għandu jniedi investigazzjoni dwar dan b'kooperazzjoni mal-Istat Membru responsabbli għall-bastiment tal-qbid jew għat-tunnara. Jekk l-investigazzjoni ma tintemmx fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn meta jkunu ntbagħtu r-riżultati msemmija fil-paragrafu 4 jew jekk l-eżitu tal-investigazzjoni juri li l-għadd tat-tonn jew il-piż medju tiegħu huwa aktar minn dak iddikjarat bħala maqbud u ttrasferit, l-awtoritajiet tal-PKK jew tal-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tal-qbid jew tat-tunnara għandhom joħorġu ordni tar-rilaxx għall-ammont żejjed, li għandu jiġi rrilaxxat skont il-proċeduri stabbiliti fl-Anness XI.

6. Skont il-proċeduri stipulati fil-punt 3 tal-Parti B tal-Anness X u wara r-rilaxx, jekk dan ikun applikabbli, il-kwantitajiet li joħorġu mill-programm għandhom jintużaw:

   a) biex jiġu stabbiliti ċ-ċifri aħħarin tal-qabda li għandhom jitnaqqsu mill-kwota nazzjonali; u

   b) biex dawn iċ-ċifri jitniżżlu fid-dikjarazzjonijiet dwar it-tqegħid fil-gaġeġ u fit-taqsimiet rilevanti tad-dokument dwar il-qabdiet tat-tonn.

7. Sat-30 ta' Awwissu ta' kull sena, kull Stat Membru responsabbli għall-farms tal-ħut għandu jibgħat rapport lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati ta' dawn il-programmi, u din għandha tibgħat dawn ir-rapporti lill-SCRS.

8. It-trasferiment ta' tonn ħaj minn ġo gaġġa tat-trobbija tal-ħut għal ġo gaġġa oħra tat-trobbija tal-ħut m'għandux iseħħ jekk ma jkunx hemm l-awtorizzazzjoni tal-awtoritajiet ta' kontroll tal-Istat li huwa responsabbli għall-farm tal-ħut għal dan u jekk dawn l-awtoritajiet ma jkunux preżenti waqt it-trasferiment.

9. Jekk ikun hemm differenza ta' 10 % jew iktar bejn il-kwantitajiet tat-tonn iddikjarati bħala maqbudin mill-bastiment jew fit-tunnara u l-kwantitajiet stabbiliti permezz tal-kameras ta' kontroll, kif imsemmi fil-paragrafu 5 u fl-Artikolu 43, dan għandu jikkostitwixxi nonkonformità potenzjali min-naħa tal-bastiment ikkonċernat jew tat-tunnara kkonċernata u l-Istat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li jsegwi dan kif xieraq.

Artikolu 45

Rapport dwar it-tqegħid fil-gaġeġ

1. Fi żmien ġimgħa minn meta titlesta l-attività tat-tqegħid fil-gaġeġ, l-Istat Membru responsabbli għall-farm tal-ħut għandu jibgħat rapport dwar it-tqegħid fil-gaġeġ li jkun fih l-elementi stipulati fil-Parti B tal-Anness X lill-Istat Membru jew lill-PKK tal-bastimenti li jkunu qabdu t-tonn jew tat-tunnari li fihom ikun inqabad it-tonn, kif ukoll lill-Kummissjoni. Dan ir-rapport għandu jkun fih ukoll it-tagħrif inkluż fid-dikjarazzjoni dwar it-tqegħid fil-gaġeġ kif stipulat fl-Artikolu 4b u fl-Anness Ia tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1936/2001. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dak ir-rapport lis-Segretarjat tal-ICCAT.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, attività ta' tqegħid fil-gaġeġ m'għandhiex titqies li tkun tlestiet sa ma tiġi konkluża kwalunkwe investigazzjoni li tkun tnediet u, jekk ikun applikabbli, sa ma titlesta kwalunkwe attività tar-rilaxx li dwarha tkun inħarġet ordni.

Artikolu 46

Atti ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dettaljati għall-attivitajiet ta' tqegħid fil-gaġeġ skont l-Artikoli 38 sa 45, ***inkluż skont l-Annessi msemmija f'dawk l-Artikoli***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 59(2).

[...]

Taqsima 6
Monitoraġġ u sorveljanza

Artikolu 47

Sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti

1. ***B'deroga mill- [...]*** Artikolu 9(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, ***l-obbligu*** dwar it-tagħmir ta' monitoraġġ tal-bastimenti għandu japplika għall-bastimenti kollha tal-irmonk u tal-irmunkar imniżżlin fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti msemmi fl-Artikolu 19(6), irrispettivament mit-tul tagħhom.

2. Il-bastimenti tas-sajd ta' iktar minn 15-il metru li huma inklużi fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti tal-qbid imsemmi fl-Artikolu 19(1)(a) jew fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti l-oħra msemmi fl-Artikolu 19(1)(b) ta' dan ir-Regolament għandhom jibdew jibagħtu d-dejta tal-VMS lill-ICCAT tal-inqas 15-il jum qabel ma jiftaħ l-istaġun tas-sajd u għandhom ikomplu jibagħtu dik id-dejta tal-inqas għal 15-il jum wara li jintemm l-istaġun tas-sajd, sakemm ma tintbagħatx talba minn qabel lill-Kummissjoni biex il-bastiment jitneħħa mir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti.

3. [...]

4. L-Istati Membri għandhom ***[...] jibagħtu d-dejta prevista f'dan l-Artikolu b'konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011.*** Il-Kummissjoni għandha tibgħat dawn il-messaġġi b'mod elettroniku lis-Segretarjat tal-ICCAT.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) il-messaġġi tal-VMS mill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom jintbagħtu lill-Kummissjoni tal-inqas kull sagħtejn[...];

(b) f'każ ta' ħsara teknika fil-VMS, il-messaġġi alternattivi mill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom li jaslu skont l-Artikolu 2***5***(1) tar-Regolament (UE) Nru 404/2011 jintbagħtu lill-Kummissjoni fi żmien 24 siegħa minn meta jaslu fiċ-Ċentri tal-Monitoraġġ tas-Sajd tagħhom;

c) [...]

(d) [...]

6. [...]

Artikolu 48

Programm ta' Osservaturi Nazzjonali

1. Għall-bastimenti li jistadu b'mod attiv għat-tonn, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-osservaturi nazzjonali jkopru tal-inqas il-livelli li ġejjin tagħhom, f'perċentwali:

(a) 20 % tal-bastimenti tat-tkarkir tagħhom użati għas-sajd għall-ħut pelaġiku (li fihom aktar minn 15-il metru);

(b) 20 % tal-bastimenti tas-sajd bil-konz tagħhom (li fihom aktar minn 15-il metru);

(c) 20 % tad-dgħajjes tas-sajd bil-lixka tagħhom (li fihom aktar minn 15-il metru);

(d) 100 % tal-bastimenti tal-irmunkar; u

(e) 100 % tal-attivitajiet tal-ħsad mit-tunnari.

2. Lill-osservaturi nazzjonali l-Istati Membri għandhom joħorġulhom dokumenti uffiċjali ta' identifikazzjoni.

3. Il-kompiti tal-osservaturi nazzjonali għandhom ikunu, b'mod partikolari, li:

(a) jimmonitorjaw il-konformità tal-bastimenti tas-sajd u tat-tunnari ma' dan ir-Regolament;

(b) jirreġistraw l-attivitajiet tas-sajd u jagħmlu rapporti dwarhom, li għandhom jinkludu dan li ġej:

(i) l-ammont ta' ħut maqbud (inklużi l-qabdiet aċċessorji), li jinkludi wkoll it-tqassim tal-ispeċijiet, bħal dawk miżmuma abbord jew skartati ħajjin jew mejtin;

(ii) il-latitudni u l-lonġitudni taż-żona fejn inqabad il-ħut;

(iii) il-kejl tal-isforz kif iddefinit mill-ICCAT fil-manwal tagħha tal-qasam għall-irkapti differenti (bħan-numru ta' settijiet u n-numru ta' snanar); u

(iv) id-data meta nqabad il-ħut;

(c) josserva l-qabdiet u jagħmel stima tagħhom, u jivverifika d-data mdaħħla fil-ġurnal ta' abbord;

(d) josservaw u jirreġistraw il-bastimenti li jistgħu jkunu qed jistadu b'mod li jikser il-miżuri ta' konservazzjoni tal-ICCAT.

4. Barra minn hekk, l-osservaturi nazzjonali għandhom iwettqu ħidma xjentifika, bħall-ġbir ta' dejta tal-Kompitu II kif iddefinit mill-ICCAT, meta dan ikun meħtieġ mill-ICCAT, abbażi tal-istruzzjonijiet mogħtija mill-SCRS.

5. Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 sa 4, kull Stat Membru għandu wkoll:

(a) jiżgura li l-osservaturi nazzjonali jkunu preżenti b'mod rappreżentattiv mil-lat temporali u spazjali fuq il-bastimenti u t-tunnari tiegħu, sabiex ikun żgurat li l-Kummissjoni tirċievi dejta u tagħrif xierqa u adegwati dwar il-qabdiet u l-isforz u dwar aspetti xjentifiċi u ta' ġestjoni oħrajn, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tal-flotot u tal-attivitajiet tas-sajd;

(b) jiżgura li jkun hemm protokolli sodi tal-ġbir tad-dejta;

(c) jiżgura li l-osservaturi nazzjonali jkunu mħarrġa u approvati kif suppost qabel ma jintbagħtu fuq ħidma; u

(d) jiżgura, sa fejn ikun prattikabbli, tfixkil mill-inqas għall-ħidma tat-tunnari u tal-bastimenti tas-sajd li jkunu qed jistadu fiż-żona tal-Konvenzjoni.

6. Id-dejta u t-tagħrif li jinġabru permezz tal-programm ta' osservaturi ta' kull Stat Membru għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni sal-15 ta' Lulju ta' kull sena. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik id-dejta u dak it-tagħrif lill-SCRS u lis-Segretarjat tal-ICCAT kif xieraq.

Artikolu 49

Programm ta' Osservaturi Reġjonali tal-ICCAT

1. Il-Programm ta' Osservaturi Reġjonali tal-ICCAT kif stipulat fil-paragrafi 2 sa 6 ta' dan l-Artikolu u kif speċifikat iktar fl-Anness VII għandu japplika fl-Unjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li osservatur reġjonali tal-ICCAT jkun preżenti:

   (a) fuq kull bastiment tas-sajd bil-purse seine li huwa awtorizzat jistad għat-tonn;

   (b) waqt kull trasferiment tat-tonn minn fuq il-bastimenti tas-sajd bil-purse seine;

   (c) waqt kull trasferiment tat-tonn minn ġot-tunnari għal ġol-gaġeġ tat-trasport;

   (d) waqt kull attività ta' tqegħid fil-gaġeġ tat-tonn fil-farms tal-ħut;

   (e) waqt il-ħsad kollu tat-tonn mill-farms tal-ħut.

3. Il-bastimenti tas-sajd bil-purse seine li ma jkollhomx osservatur reġjonali tal-ICCAT abbord m'għandhomx jiġu awtorizzati jistadu għat-tonn jew joperaw f'dan il-qasam.

4. L-Istati Membri li jkunu responsabbli għall-farms tal-ħut għandhom jiżguraw li jkun hemm osservatur reġjonali tal-ICCAT preżenti waqt kull attività ta' tqegħid fil-gaġeġ u waqt il-ħsad kollu tal-ħut minn dawk il-farms tal-ħut.

5. L-osservaturi reġjonali tal-ICCAT għandhom ikunu inkarigati, b'mod partikolari, li:

   (a) josservaw u jimmonitorjaw l-attivitajiet tas-sajd u tat-trobbija tal-ħut b'konformità mal-miżuri rilevanti ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-ICCAT;

   (b) jiffirmaw id-dikjarazzjonijiet tat-trasferiment tal-ICCAT imsemmija fl-Artikolu 36 ta' dan ir-Regolament, ir-rapporti dwar it-tqegħid fil-gaġeġ imsemmija fl-Artikolu 45 ta' dan ir-Regolament u d-dokumenti dwar il-qabdiet tat-tonn meta dawn jaqblu li t-tagħrif mogħti fihom huwa konsistenti mal-osservazzjonijiet tagħhom; u

   (c) iwettqu ħidma xjentifika, bħall-ġbir ta' kampjuni, kif meħtieġ mill-ICCAT, abbażi tal-istruzzjonijiet mogħtija mill-SCRS.

6. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jiżgura li l-kaptani, l-ekwipaġġ u s-sidien tal-farms tal-ħut, tat-tunnari u tal-bastimenti ma jfixklux, jintimidaw, jindaħlu, jinfluwenzaw, jikkorrompu jew jippruvaw jikkorrompu lill-osservaturi reġjonali tal-ICCAT fil-qadi ta' dmirijiethom.

Taqsima 7
Spezzjonijiet u kontroverifiki

Artikolu 50

Skema tal-ICCAT ta' Spezzjoni Internazzjonali Konġunta

1. L-iskema tal-ICCAT ta' spezzjoni internazzjonali konġunta stipulata fl-Anness VIII għandha tapplika fl-Unjoni.

2. L-Istati Membri li l-bastimenti tas-sajd tagħhom huma awtorizzati jistadu għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandhom jaħtru spetturi u jwettqu spezzjonijiet fuq il-baħar fil-kuntest tal-iskema tal-ICCAT.

3. Jekk, fi kwalunkwe ħin, ikun hemm iktar minn 15-il bastiment tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru partikolari li jkunu qed iwettqu attivitajiet tas-sajd għat-tonn fiż-żona tal-Konvenzjoni, dak l-Istat Membru għandu jibgħat bastiment ta' spezzjoni għall-finijiet tal-ispezzjoni u l-kontroll fuq il-baħar fiż-żona tal-Konvenzjoni għall-perjodu kollu li matulu dawk il-bastimenti jkunu hemmhekk. Dak l-obbligu għandu jitqies li jkun tħares f'każijiet fejn l-Istati Membri jikkooperaw biex jibagħtu bastiment ta' spezzjoni jew f'każijiet fejn jintbagħat bastiment ta' spezzjoni tal-Unjoni fiż-żona tal-Konvenzjoni.

4. Il-Kummissjoni jew korp magħżul minnha jista' jaħtar spetturi tal-Unjoni għall-iskema tal-ICCAT.

5. Il-Kummissjoni jew korp magħżul minnha għandu jikkoordina l-attivitajiet ta' sorveljanza u ta' spezzjoni għall-Unjoni. Flimkien mal-Istati Membri kkonċernati, il-Kummissjoni tista' tfassal programmi ta' spezzjoni konġunta biex l-Unjoni tkun tista' twettaq l-obbligu tagħha fil-kuntest tal-iskema tal-ICCAT. L-Istati Membri li l-bastimenti tas-sajd tagħhom ikunu qed jistadu għat-tonn għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' dawk il-programmi, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda r-riżorsi umani u materjali meħtieġa u l-perjodi meta dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw u ż-żoni ġeografiċi fejn dawn għandhom jintużaw.

6. Sal-1 ta' April ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-ismijiet tal-ispetturi u tal-bastimenti ta' spezzjoni li beħsiebhom jassenjaw għall-iskema tal-ICCAT matul dik is-sena. Permezz ta' dan it-tagħrif, il-Kummissjoni għandha tfassal, flimkien mal-Istati Membri, pjan għall-parteċipazzjoni tal-Unjoni fl-iskema tal-ICCAT kull sena, li hija għandha tibgħat lis-Segretarjat tal-ICCAT u lill-Istati Membri.

Artikolu 51

Trasmissjoni tal-pjanijiet ta' spezzjoni

1. Sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-pjanijiet ta' spezzjoni tagħhom lill-Kummissjoni. Il-pjanijiet ta' spezzjoni għandhom jiġu stabbiliti skont:

   a) l-objettivi, il-prijoritajiet u l-proċeduri kif ukoll il-parametri referenzjarji għall-attivitajiet ta' spezzjoni stipulati fil-Programm ta' Kontroll u Spezzjoni Speċifiku għat-Tonn tal-Lvant tal-Atlantiku u tal-Mediterran stabbilit skont l-Artikolu 95 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009; u

   b) il-Programm ta' azzjoni nazzjonali għall-kontroll għat-tonn tal-Lvant tal-Atlantiku u tal-Mediterran stabbilit skont l-Artikolu 46 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009.

2. Il-Kummissjoni għandha tiġbor il-pjanijiet nazzjonali ta' spezzjoni u tintegrahom fil-pjan ta' spezzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-pjan ta' spezzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT biex l-ICCAT tkun tista' tapprovah, flimkien mal-pjanijiet imsemmija fl-Artikolu 6(1).

Artikolu 52

Spezzjonijiet f'każ ta' ksur

1. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jieħu azzjoni skont il-paragrafu 2 meta bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu:

   (a) ikun naqas milli jirrapporta dak li hu mitlub minnu skont l-Artikoli 23 u 24; jew

   (b) ikun kiser id-dispożizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament, mill-Artikoli 89 sa 93 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 u mill-Kapitolu IX tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008.

2. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jiżgura li ssir spezzjoni fiżika taħt l-awtorità tiegħu fil-portijiet tiegħu jew minn persuna oħra maħtura minnu meta l-bastiment ma jkunx jinsab f'wieħed mill-portijiet tiegħu.

Artikolu 53

Kontroverifika

1. Kull Stat Membru għandu jivverifika, inkluż bl-użu tar-rapporti ta' spezzjoni, tar-rapporti tal-osservaturi u tad-dejta tal-VMS, il-preżentazzjoni tal-ġurnali ta' abbord u tat-tagħrif rilevanti rreġistrat fil-ġurnali ta' abbord tal-bastimenti tas-sajd tiegħu, fid-dokumenti dwar it-trasferiment jew it-trasbord u fid-dokumenti dwar il-qabdiet tat-tonn skont l-Artikolu 109 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009.

2. Kull Stat Membru għandu jwettaq kontroverifiki fuq ħatt l-art kollu, fuq it-trasbord kollu u fuq it-tqegħid kollu fil-gaġeġ bejn il-kwantitajiet irreġistrati skont l-ispeċi fil-ġurnal ta' abbord tal-bastiment tas-sajd jew il-kwantitajiet irreġistrati skont l-ispeċi fid-dikjarazzjoni tat-trasferiment jew tat-trasbord u l-kwantitajiet irreġistrati fid-dikjarazzjoni ta' ħatt l-art jew tat-tqegħid fil-gaġeġ, u fi kwalunkwe dokument rilevanti ieħor, bħal fattura u/jew noti tal-bejgħ skont l-Artikolu 109 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009.

Taqsima 8
Kummerċjalizzazzjoni

Artikolu 54

Miżuri tas-suq

1. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 u għar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31], għandhom ikunu pprojbiti l-kummerċ tal-Unjoni tat-tonn tal-Lvant tal-Atlantiku u tal-Mediterran u ħatt l-art, l-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet, it-tqegħid fil-gaġeġ għall-finijiet tat-tismin jew tat-trobbija, l-esportazzjonijiet mill-ġdid u t-trasbord tiegħu li ma jkollhomx magħhom id-dokumentazzjoni preċiża, sħiħa u vvalidata stabbilita f'dan ir-Regolament, fir-Regolament (UE) Nru 640/2010 u fl-Artikolu 4b tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1936/2001.

2. Il-kummerċ tal-Unjoni tat-tonn tal-Lvant tal-Atlantiku u tal-Mediterran u l-importazzjonijiet, ħatt l-art, it-tqegħid fil-gaġeġ għall-finijiet tat-tismin jew tat-trobbija, l-ipproċessar, l-esportazzjonijiet, l-esportazzjonijiet mill-ġdid u t-trasbord tiegħu għandhom ikunu pprojbiti:

   a) jekk dan it-tonn ikun inqabad minn bastimenti tas-sajd jew f'tunnari li l-Istat tagħhom ma jkollux kwota, limitu fuq il-qbid jew sforz tas-sajd allokat għalih għat-tonn tal-Lvant tal-Atlantiku u tal-Mediterran skont it-termini tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-ICCAT; jew

   b) jekk dan it-tonn ikun inqabad minn bastimenti tas-sajd jew f'tunnari li l-kwoti individwali tagħhom ikunu eżawriti jew li l-Istat tagħhom ikun eżawrixxa l-opportunitajiet tas-sajd tiegħu.

3. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, għar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 u għar-Regolament (UE) Nru 1379/2013, għandhom ikunu pprojbiti l-kummerċ tal-Unjoni, l-importazzjonijiet, ħatt l-art, l-ipproċessar u l-esportazzjonijiet mill-farms tat-trobbija u tat-tismin tal-ħut li ma jkunux konformi mar-Regolamenti msemmija fil-paragrafu 1.

---

[31] Ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1).

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 55

Evalwazzjoni

Kull sena, sal-15 ta' Settembru, l-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport iddettaljat lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tagħhom ta' dan ir-Regolament. Abbażi tat-tagħrif li l-Istati Membri jkunu bagħtulha, kull sena, sal-15 ta' Ottubru, il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport iddettaljat lis-Segretarjat tal-ICCAT dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni 14-04 tal-ICCAT.

Artikolu 56

Finanzjament

[...]Għall-finijiet tar-Regolament dwar il-FEMS, il-pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandu jitqies li huwa pjan multiannwali fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 57[…]

[...]

1. [...]

Artikolu 58[…]

[...]

1. [...]

2. [...]

3. [...]

4. **[...]**

5. **[...]**

Artikolu 59

Implimentazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura stabbilit bl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. ***[...]***

Artikolu 60

Tħassir

1. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 b'dan qed jitħassar.

2. Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni mogħtija fl-Anness XIII.

Artikolu 61

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew *Għall-Kunsill*

Il-President *Il-President*

ANNESS I

Kondizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għall-każijiet tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 13(2)

1. Minbarra d-dispożizzjonijiet mogħtija fl-Artikolu 8(3), l-għadd massimu ta' dgħajjes tas-sajd bil-lixka u ta' dgħajjes tas-sajd bir-rixa li huma awtorizzati jistadu għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku bil-kondizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għad-deroga msemmija fl-Artikolu 13(2)(a) għandu jkun l-għadd ta' bastimenti tal-qbid tal-Unjoni li jkunu ħadu sehem fis-sajd dirett għat-tonn fl-2006.

2. Minbarra d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8(3), l-għadd massimu ta' bastimenti tal-qbid li huma awtorizzati jistadu għat-tonn fil-Baħar Adrijatiku għall-finijiet tat-trobbija tal-ħut bil-kondizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għad-deroga msemmija fl-Artikolu 13(2)(b) għandu jkun l-għadd ta' bastimenti tal-qbid tal-Unjoni li jkunu ħadu sehem fis-sajd dirett għat-tonn fl-2008. ***Għal dan l-għan, għandu jiġi kkunsidrat l-għadd ta' bastimenti tal-qbid Kroati li ħadu sehem fis-sajd dirett għat-tonn fl-2008.***

3. Minbarra d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8(3), l-għadd massimu ta' dgħajjes tas-sajd bil-lixka, ta' bastimenti tas-sajd bil-konz u ta' dgħajjes tas-sajd bix-xlief li huma awtorizzati jistadu għat-tonn fil-Mediterran bil-kondizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għad-deroga msemmija fl-Artikolu 13(2)(c) għandu jkun l-għadd ta' bastimenti tal-qbid tal-Unjoni li jkunu ħadu sehem fis-sajd dirett għat-tonn fl-2008.

4. L-għadd massimu ta' bastimenti tal-qbid stabbilit skont il-punti 1, 2 u 3 ta' dan l-Anness għandu jiġi allokat fost l-Istati Membri skont it-Trattat u b'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

5. Mill-kwota tal-Unjoni għat-tonn ta' bejn 8 kg u 30 kg jew 75 ċm u 115-il ċm, perċentwali ta' mhux aktar minn 7 % għandu jiġi allokat fost il-bastimenti tal-qbid awtorizzati msemmija fl-Artikolu 13(2)(a) u fil-punt 1 ta' dan l-Anness. Dan il-perċentwali ta' 7 % tal-kwota tal-Unjoni għandu jiġi allokat fost l-Istati Membri skont it-Trattat u b'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

6. B'deroga mill-Artikolu 13(2)(a), fil-limitu ta' 7 % msemmi fil-punt 5 ta' dan l-Anness, jistgħu jiġu allokati sa 100 tunnellata għall-qbid ta' tonn ta' 6.4 kg jew ta' 70 ċm minn dgħajjes tas-sajd bil-lixka ta' inqas minn 17-il metru.

7. L-allokazzjoni massima tal-kwota tal-Unjoni fost l-Istati Membri għas-sajd bil-kondizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għad-deroga msemmija fl-Artikolu 13(2)(b) u fil-punt 2 ta' dan l-Anness għandha tiġi stabbilita b'konformità mat-Trattat u mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

8. Mill-kwota tal-Unjoni għat-tonn ta’ bejn 8 kg u 30 kg jew 75 ċm u 115-il ċm, perċentwali ta’ mhux aktar minn 2 % għandu jiġi allokat fost il-bastimenti tal-qbid awtorizzati msemmija fl-Artikolu 13(2)(c) u fil-punt 3 ta’ dan l-Anness. Din il-kwota għandha tiġi allokata fost l-Istati Membri b'konformità mat-Trattat u mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

9. Kull Stat Membru li d-dgħajjes tas-sajd bil-lixka tiegħu, il-bastimenti tas-sajd bil-konz tiegħu, id-dgħajjes tas-sajd bix-xlief tiegħu u d-dgħajjes tas-sajd bir-rixa tiegħu huma awtorizzati jistadu għat-tonn b'konformità mal-Artikolu 13(2) u ma' dan l-Anness għandu jistabbilixxi r-rekwiżiti li ġejjin għat-tikkettar tad-denb:

(a) għandhom jitwaħħlu tikketti fuq denb it-tonn kollu maqbud minnufih malli jiġi ttrasbordat;

(b) kull tikketta mwaħħla fuq denb it-tonn għandu jkollha numru uniku ta’ identifikazzjoni u tkun inkluża fid-dokumenti tal-istatistika dwar it-tonn u miktuba fuq barra ta’ kull pakkett li jkun fih it-tonn.

ANNESS II

REKWIŻITI TAL-ĠURNAL TA' ABBORD

A – BASTIMENTI TAL-QBID

Speċifikazzjonijiet minimi għall-ġurnali ta' abbord tas-sajd:

1. kull folja tal-ġurnal ta' abbord għandu jkollha numru;
2. il-ġurnal ta' abbord għandu jimtela kuljum (f'nofsillejl) jew qabel il-wasla fil-port;
3. il-ġurnal ta' abbord għandu jimtela f' każ ta' spezzjonijiet fuq il-baħar;
4. kopja waħda tal-folji għandha tibqa' mwaħħla mal-ġurnal ta' abbord;
5. il-ġurnali ta' abbord għandhom jinżammu abbord il-bastiment biex ikopru perjodu ta' sena waħda ta' ħidma.

Tagħrif minimu standard għall-ġurnali ta' abbord tas-sajd:

1. isem il-kaptan u l-indirizz tiegħu;
2. id-dati u l-portijiet tat-tluq u d-dati u l-portijiet tal-wasla;
3. isem il-bastiment, in-numru tiegħu fir-reġistru, in-numru tal-ICCAT tiegħu, il-kodiċi internazzjonali tar-radju u n-numru tal-OMI (jekk dan ikun disponibbli);
4. l-irkaptu tas-sajd:
   (a) il-kodiċi tat-tip tal-FAO;
   (b) il-qisien (pereżempju t-tul, id-daqs tal-malji u l-għadd ta' snanar);
5. l-attivitajiet fuq il-baħar, b'linja waħda (mill-inqas) għal kull jum tal-vjaġġ, li tkun tinkludi t-tagħrif li ġej:
   (a) l-attività (pereżempju s-sajd jew it-tbaħħir);
   (b) il-pożizzjoni: il-pożizzjonijiet eżatti ta' kuljum (fi gradi u minuti), irreġistrati għal kull attività tas-sajd jew f'nofsinhar meta ma jkun sar l-ebda sajd matul dak il-jum;

(c) reġistru tal-qabdiet li jinkludi:

(1) il-kodiċi tal-FAO;

(2) il-piż sħiħ (RWT) tal-ħut maqbud kuljum, f'kilogrammi;

(3) l-għadd ta' ħut maqbud kuljum.

Għall-bastimenti tas-sajd bil-purse seine, dan it-tagħrif għandu jiġi rreġistrat għal kull attività tas-sajd, inklużi dawk li fihom ma jinqabad xejn;

6. il-firma tal-kaptan;
7. il-mezz kif intiżen il-piż tal-ħut: billi saret stima jew billi l-ħut intiżen abbord;
8. fil-ġurnal ta' abbord, il-piż tal-ħut irid jingħata f'ammont li jkun ekwivalenti għall-piż tal-ħut ħaj u għandhom jissemmew il-fatturi ta' konverżjoni użati fl-evalwazzjoni.

Tagħrif minimu għall-ġurnali ta' abbord tas-sajd fil-każ tal-ħatt l-art jew tat-trasbord:

1. id-dati ta' ħatt l-art jew tat-trasbord u l-port fejn dan iseħħ;
2. il-prodotti:

   (a) l-ispeċijiet u preżentazzjoni tagħhom skont il-kodiċi tal-FAO;

   (b) l-għadd ta' ħut jew ta' kaxxi u l-kwantità f'kilogrammi;
3. il-firma tal-kaptan jew tal-aġent tal-bastiment;
4. fil-każ tat-trasbord: isem il-bastiment li jkun qed jirċievi l-ħut, il-bandiera tiegħu u n-numru tal-ICCAT tiegħu.

Tagħrif minimu għall-ġurnali ta' abbord tas-sajd fil-każ tat-trasferiment għal ġol-gaġeġ:

1. id-data u l-ħin tat-trasferiment u l-pożizzjoni (il-latitudni/il-lonġitudni) fejn dan iseħħ;
2. il-prodotti:

   (a) identifikazzjoni tal-ispeċijiet skont il-kodiċi tal-FAO tagħhom;

   (b) l-għadd ta' ħut ittrasferit għal ġol-gaġeġ u l-kwantità tiegħu f'kilogrammi;
3. isem il-bastiment tal-irmunkar, il-bandiera tiegħu u n-numru tal-ICCAT tiegħu;
4. isem il-farm tal-ħut destinatarju u n-numru tal-ICCAT tiegħu;
5. Fil-każ ta' attività konġunta tas-sajd, minbarra t-tagħrif imniżżel fil-punti 1 sa 4, il-kaptan għandu jirreġistra fil-ġurnal ta' abbord tiegħu:

(a) it-tagħrif li ġej dwar il-bastiment tal-qbid li qed jittrasferixxi l-ħut għal ġol-gaġeġ:

– l-ammont ta' qabdiet imtella' abbord;

– l-ammont ta' qabdiet magħduda għall-ilħuq tal-kwota individwali tiegħu;

– l-ismijiet tal-bastimenti l-oħra involuti fl-attività konġunta tas-sajd;

(b) it-tagħrif li ġej dwar il-bastimenti tal-qbid l-oħrajn tal-istess attività konġunta tas-sajd li mhumiex involuti fit-trasferiment tal-ħut:

– l-isem ta' dawk il-bastimenti, il-kodiċijiet internazzjonali tar-radju tagħhom u n-numri tal-ICCAT tagħhom;

– il-fatt li dawn ma tellgħu abbord l-ebda qabda jew ma ttrasferew l-ebda ħut għal ġol-gaġeġ;

– l-ammont ta' qabdiet magħduda għall-ilħuq tal-kwoti individwali tagħhom;

– l-isem tal-bastiment tal-qbid imsemmi fil-punt (a) u n-numru tal-ICCAT tiegħu.

B – BASTIMENTI TAL-IRMUNKAR

1. Il-kaptan ta' bastiment tal-irmunkar għandu jirreġistra fil-ġurnal ta' abbord ta' kuljum tiegħu d-data u l-ħin tat-trasferiment u l-pożizzjoni fejn dan iseħħ, il-kwantitajiet ta' ħut ittrasferiti (l-għadd ta' ħut u l-kwantità tiegħu f'kilogrammi) u n-numru tal-gaġġa, kif ukoll isem il-bastiment tal-qbid, il-bandiera tiegħu u n-numru tal-ICCAT tiegħu, l-ismijiet tal-bastimenti l-oħra involuti u n-numri tal-ICCAT tagħhom, il-farm tal-ħut destinatarju u n-numru tal-ICCAT tiegħu u n-numru tad-dikjarazzjoni tat-trasferiment tal-ICCAT.

2. It-trasferimenti l-oħra tal-ħut għal fuq bastimenti awżiljarji jew għal fuq bastimenti tal-irmunkar għandhom jiġu rrappurtati billi jingħata l-istess tagħrif bħal dak imsemmi fil-punt 1, kif ukoll billi jingħata isem il-bastiment awżiljarju jew isem il-bastiment tal-irmunkar u l-bandiera tagħhom u n-numru tal-ICCAT tagħhom u n-numru tad-dikjarazzjoni tat-trasferiment tal-ICCAT.

3. Il-ġurnal ta' abbord ta' kuljum għandu jinkludi d-dettalji tat-trasferimenti kollha mwettqin matul l-istaġun tas-sajd. Il-ġurnal ta' abbord ta' kuljum għandu jinżamm abbord il-bastiment u għandu jkun aċċessibbli fi kwalunkwe ħin għall-finijiet ta' kontroll.

C – BASTIMENTI AWŻILJARJI

1. Il-kaptan ta' bastiment awżiljarju għandu jirreġistra l-attivitajiet fil-ġurnal ta' abbord tiegħu kuljum u għandu jinkludi d-data, il-ħin u l-pożizzjonijiet, il-kwantitajiet ta' tonn imtella' abbord, u isem il-bastiment tas-sajd, il-farm tal-ħut jew it-tunnara li hu jkun qed jaħdem magħha.

2. Il-ġurnal ta' abbord ta' kuljum għandu jinkludi d-dettalji tal-attivitajiet kollha mwettqin matul l-istaġun tas-sajd. Il-ġurnal ta' abbord ta' kuljum għandu jinżamm abbord il-bastiment u għandu jkun aċċessibbli fi kwalunkwe ħin għall-finijiet ta' kontroll.

D – BASTIMENTI TAL-IPPROĊESSAR

1. Fil-ġurnal ta' abbord ta' kuljum tiegħu, il-kaptan ta' bastiment tal-ipproċessar għandu jdaħħal id-data u l-ħin li fihom saru l-attivitajiet u l-pożizzjoni fejn dawn saru, il-kwantitajiet ittrasbordati u l-għadd ta' tonn li wasal mill-farms tal-ħut, mit-tunnari jew mill-bastimenti tal-qbid, fejn dan ikun applikabbli, u l-piż tiegħu. Huwa għandu jdaħħal ukoll l-ismijiet u n-numri tal-ICCAT ta' dawk il-farms tal-ħut, it-tunnari jew il-bastimenti tal-qbid.

2. Il-kaptan ta' bastiment tal-ipproċessar għandu jżomm ġurnal ta' abbord tal-ipproċessar ta' kuljum li jispeċifika l-piż sħiħ tal-ħut ittrasferit jew ittrasbordat u l-għadd tiegħu, il-fattur ta' konverżjoni użat u l-piżijiet u l-kwantitajiet mogħtija skont il-preżentazzjoni tal-prodotti.

3. Il-kaptan ta' bastiment tal-ipproċessar għandu jżomm pjan tal-istivar li juri l-post u l-kwantitajiet ta' kull speċi u l-preżentazzjoni tagħhom.

4. Il-ġurnal ta' abbord ta' kuljum għandu jinkludi d-dettalji tat-trasbord kollu mwettaq matul l-istaġun tas-sajd. Il-ġurnal ta' abbord ta' kuljum, il-ġurnal ta' abbord tal-ipproċessar, il-pjan tal-istivar u d-dikjarazzjonijiet oriġinali tat-trasbord tal-ICCAT għandhom jinżammu abbord il-bastiment u għandhom ikunu aċċessibbli fi kwalunkwe ħin għall-finijiet ta' kontroll.

ANNESS III

Numru tad-dokument **Dikjarazzjoni tat-trasbord tal-ICCAT**

Bastiment tal-ġarr	**Bastiment tas-sajd**	Destinazzjoni finali:
Isem il-bastiment u l-kodiċi tar-radju tiegħu:	Isem il-bastiment u l-kodiċi tar-radju tiegħu:	Port:
Bandiera:	Bandiera:	Pajjiż:
Numru tal-awtorizzazzjoni tal-Istat tal-bandiera:	Numru tal-awtorizzazzjoni tal-Istat tal-bandiera:	Stat:
Numru fir-Reġistru Nazzjonali:	Numru fir-Reġistru Nazzjonali:	
Numru fir-Reġistru tal-ICCAT:	Numru fir-Reġistru tal-ICCAT:	
Numru tal-OMI:	Identifikazzjoni esterna:	
	Numru tal-folja tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd:	

Data Xahar Siegħa Sena |2_|0_|__|__| Isem il-kaptan tal-bastiment tas-sajd: Isem il-kaptan tal-bastiment tal-ġarr:

Tluq |__|__| |__|__| |__|__| Minn: |__________|

Ritorn: |__|__| |__|__| |__|__| Lejn: |__________| Firma: Firma:

Trasbord: |__|__| |__|__| |__|__| |__________|

Għat-trasbord, jekk jogħġbok agħti l-piż f'kilogrammi jew l-unità użata (pereżempju kaxxa jew basket) u l-piż tal-ħut ta' din l-unità li nħatt l-art f'kilogrammi: |___| kilogrammi.

POST FEJN ISEĦĦ IT-TRASBORD:

Port	*Baħar* *Latitudni Lonġitudni*	*Speċi*	*Numru ta' unitajiet ta' ħut*	*Tip ta' prodott ħaj*	*Tip ta' Prodott sħiħ*	*Tip ta' Prodott imnaddaf*	*Tip ta' Prodott bir-ras maqtugħa barra*	*Tip ta' Prodott iffilettjat*	*Tip ta' prodott*	Trasbord ieħor Data: Post/pożizzjoni:

											Numru tal-awtorizzazzjoni tal-Parti Kontraenti:
											Firma tal-kaptan tal-bastiment tat-trasferiment:
											Isem il-bastiment li jirċievi l-ħut:
											Bandiera
											Numru fir-Reġistru tal-ICCAT:
											Numru tal-OMI:
											Firma tal-kaptan:
											Data: Post/pożizzjoni:
											Numru tal-awtorizzazzjoni tal-Parti Kontraenti:
											Firma tal-kaptan tal-bastiment tat-trasferiment:
											Isem il-bastiment li jirċievi l-ħut: Bandiera Numru fir-Reġistru tal-ICCAT: Numru tal-OMI: Firma tal-kaptan:

Obbligi fil-każ tat-trasbord:

1. Il-bastiment (tal-ipproċessar/tat-trasport) li jirċievi l-ħut għandu jingħata d-dikjarazzjoni oriġinali tat-trasbord.

2. Il-bastiment tal-qbid jew it-tunnara korrispondenti għandha żżomm kopja tad-dikjarazzjoni tat-trasbord.

3. Il-Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni (PKK) rilevanti li tkun tat l-awtorizzazzjoni lill-bastiment biex jaħdem għandha tawtorizza l-attivitajiet l-oħra tat-trasbord.

4. Il-bastiment li jirċievi l-ħut li jkun qed iżomm il-ħut abbord irid iżomm id-dikjarazzjoni oriġinali tat-trasbord sa ma jasal fil-post ta' ħatt l-art.

5. L-attività tat-trasbord għandha tiġi rreġistrata fil-ġurnal ta' abbord ta' kull bastiment li jkun involut fiha.

ANNESS IV

<table>
<tr><td colspan="2">Numru tad-Dokument:</td><td colspan="3">Dikjarazzjoni tat-trasferiment tal-ICCAT:</td></tr>
<tr><td colspan="5">1 - TRASFERIMENT TA’ TONN ĦAJ MAĦSUB GĦAT-TROBBIJA TAL-ĦUT</td></tr>
<tr><td rowspan="2">Isem il-bastiment tas-sajd:

Kodiċi tar-radju:

Bandiera:

Numru tal-awtorizzazzjoni tat-trasferiment tal-Istat tal-bandiera:

Numru fir-Reġistru tal-ICCAT:

Identifikazzjoni esterna:

Numru tal-ġurnal ta’ abbord tas-sajd:

Numru tal-attività konġunta tas-sajd:</td><td rowspan="2">Isem it-tunnara:

Numru fir-Reġistru tal-ICCAT:</td><td rowspan="2">Isem il-bastiment tal-irmonk:

Kodiċi tar-radju:

Bandiera:

Numru fir-Reġistru tal-ICCAT:

Identifikazzjoni esterna:</td><td colspan="2">Isem il-farm tal-ħut destinatarju:

Numru fir-Reġistru tal-ICCAT:</td></tr>
<tr><td colspan="2">Numru tal-gaġġa:</td></tr>
<tr><td colspan="5">2 - TAGĦRIF DWAR IT-TRASFERIMENT</td></tr>
<tr><td>Data:_ _ / _ _ / _ _ _ _</td><td colspan="4">Post jew pożizzjoni: Port: Latitudni: Lonġitudni:</td></tr>
<tr><td>Għadd ta’ ħut:</td><td></td><td>Speċi:</td><td colspan="2">Piż:</td></tr>
<tr><td colspan="5">Tip ta’ prodott: Ħaj ☐ Sħiħ ☐ Imnaddaf ☐ Tip ta’ prodott ieħor (jekk jogħġbok speċifika):</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td colspan="2">Isem u firma tal-kaptan tal-bastiment tas-sajd/tal-operatur tat-tunnara/tal-operatur tal-farm tal-ħut:</td><td>Isem u firma tal-kaptan tal-bastiment (tal-irmonk/tal-ipproċessar/tal-ġarr) li jirċievi l-ħut:</td><td>Ismijiet tal-osservaturi u n-numri tal-ICCAT u l-firma tagħhom:</td></tr>
<tr><td colspan="4"></td></tr>
<tr><td colspan="4">3 - TRASFERIMENTI OĦRAJN</td></tr>
<tr><td>Data:_ _ / _ _ / _ _ _ _</td><td colspan="3">Post jew pożizzjoni: Port: Latitudni: Lonġitudni:</td></tr>
<tr><td>Isem il-bastiment tal-irmonk:</td><td>Kodiċi tar-radju:</td><td>Bandiera:</td><td>Numru fir-Reġistru tal-ICCAT:</td></tr>
<tr><td>Numru tal-awtorizzazzjoni tat-trasferiment tal-Istat tal-farm tal-ħut:</td><td>Identifikazzjoni esterna:</td><td colspan="2">Isem u firma tal-kaptan tal-bastiment li jirċievi l-ħut:</td></tr>
<tr><td>Data:_ _ / _ _ / _ _ _ _</td><td colspan="3">Post jew pożizzjoni: Port: Latitudni: Lonġitudni:</td></tr>
<tr><td>Isem il-bastiment tal-irmonk:</td><td>Kodiċi tar-radju:</td><td>Bandiera:</td><td>Numru fir-Reġistru tal-ICCAT:</td></tr>
<tr><td>Numru tal-awtorizzazzjoni tat-trasferiment tal-Istat tal-farm tal-ħut:</td><td>Identifikazzjoni esterna:</td><td colspan="2">Isem u firma tal-kaptan tal-bastiment li jirċievi l-ħut:</td></tr>
<tr><td>Data:_ _ / _ _ / _ _ _ _</td><td colspan="3">Post jew pożizzjoni: Port: Latitudni: Lonġitudni:</td></tr>
<tr><td>Isem il-bastiment tal-irmonk:</td><td>Kodiċi tar-radju:</td><td>Bandiera:</td><td>Numru fir-Reġistru tal-ICCAT:</td></tr>
<tr><td>Numru tal-awtorizzazzjoni tat-trasferiment tal-Istat tal-farm tal-ħut:</td><td>Identifikazzjoni esterna:</td><td colspan="2">Isem u firma tal-kaptan tal-bastiment li jirċievi l-ħut:</td></tr>
</table>

4 – GAĠEĠ LI MINNHOM JINĦAREĠ IT-TONN U LI FIHOM JIDDAĦĦAL			
Numru tal-gaġġa li minnha qed jinħareġ it-tonn:	Kg:	Għadd ta' ħut:	
Isem il-bastiment tal-irmonk ta' oriġini:	Kodiċi tar-radju:	Bandiera:	Numru fir-Reġistru tal-ICCAT:
Numru tal-gaġġa li fiha qed jiddaħħal il-ħut:	Kg:	Għadd ta' ħut:	
Isem il-bastiment tal-irmonk li qed jirċievi l-ħut:	Kodiċi tar-radju:	Bandiera:	Numru fir-Reġistru tal-ICCAT:
Numru tal-gaġġa li fiha qed jiddaħħal il-ħut:	Kg:	Għadd ta' ħut:	
Isem il-bastiment tal-irmonk li qed jirċievi l-ħut:	Kodiċi tar-radju:	Bandiera:	Numru fir-Reġistru tal-ICCAT:
Numru tal-gaġġa li fiha qed jiddaħħal il-ħut:	Kg:	Għadd ta' ħut:	
Isem il-bastiment tal-irmonk li qed jirċievi l-ħut:	Kodiċi tar-radju:	Bandiera:	Numru fir-Reġistru tal-ICCAT:

ANNESS V

Formola tar-rapport tal-qabdiet												
Bandiera	Numru tal-ICCAT	Isem il-bastiment	Data tal-bidu tar-rapport	Data ta’ tmiem ir-rapport	Tul ta’ żmien tar-rapport (f’jiem)	Data tal-qabda	Post fejn inqabad il-ħut		Qabdiet			Il-piż allokat fil-każ ta’ attività konġunta tas-sajd (f’kilogrammi)
							Latitudni	Longitudni	Piż (f’kilogrammi)	Għadd ta’ ħut	Piż medju (f’kilogrammi)	

ANNESS VI

Attività konġunta tas-sajd								
Stat tal-bandiera	Isem il-bastiment	Numru tal-ICCAT	Tul ta' żmien tal-attività	Identità tal-operaturi	Kwota individwali tal-bastiment	Skema ta' allokazzjoni għal kull bastiment	Farm tat-trobbija u tat-tismin tal-ħut destinatarju	
							PKK	Numru tal-ICCAT

Data: …

Validazzjoni tal-Istat tal-bandiera: …

ANNESS VII

Programm ta' osservaturi reġjonali tal-ICCAT

ĦATRA TAL-OSSERVATURI REĠJONALI TAl-ICCAT

6. Kull osservatur reġjonali tal-ICCAT għandu jkollu l-kwalifiki li ġejjin biex iwettaq il-kompiti tiegħu:

   (a) biżżejjed esperjenza biex ikun jista' jidentifika l-ispeċijiet tal-ħut u l-irkaptu tas-sajd;

   (b) għarfien sodisfaċenti tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-ICCAT, attestat permezz ta' ċertifikat maħruġ mill-Istati Membri u bbażat fuq il-linji gwida tal-ICCAT marbutin mat-taħriġ;

   (c) il-ħila li josserva l-affarijiet u li jirreġistrahom b'mod preċiż;

   (d) għarfien sodisfaċenti tal-ilsien tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment jew tal-farm tal-ħut osservat.

OBBLIGI TAL-OSSERVATURI REĠJONALI TAL-ICCAT

7. L-osservaturi reġjonali tal-ICCAT għandhom:

   (a) ikunu lestew it-taħriġ tekniku mitlub mil-linji gwida stabbiliti mill-ICCAT;

   (b) ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri u, sa fejn ikun possibbli, ma jkunux ċittadini tal-Istat tal-farm tal-ħut jew tat-tunnara jew tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd bil-purse seine. Madankollu, jekk it-tonn jinqatel fil-gaġeġ u jiġi kkummerċjalizzat bħala prodott frisk, l-osservatur reġjonali tal-ICCAT li josserva l-ħsad jista' jkun ċittadin tal-Istat Membru li huwa responsabbli għall-farm tal-ħut;

   (c) ikunu kapaċi jwettqu l-kompiti mogħtija fil-punt 3;

   (d) ikunu inklużi fil-lista tal-osservaturi reġjonali tal-ICCAT miżmuma mill-ICCAT;

   (e) ma jkollhomx interessi finanzjarji jew benefiċjarji attwali fl-industrija tat-tonn.

KOMPITI TAL-OSSERVATURI REĠJONALI TAL-ICCAT

8. Il-kompiti tal-osservaturi reġjonali tal-ICCAT għandhom ikunu, b'mod partikolari:

(a) għall-osservaturi fuq il-bastimenti tas-sajd bil-purse seine, li jimmonitorjaw il-konformità ta' dawn il-bastimenti tas-sajd mal-miżuri rilevanti ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati mill-ICCAT. B'mod partikolari, l-osservatur għandu:

(4) f'każijiet fejn josserva xi ħaġa li tista' tikkostitwixxi nonkonformità ma' rakkomandazzjoni tal-ICCAT, jibgħat dan it-tagħrif lill-kumpanija li tkun qed timplimenta l-programm tal-osservaturi reġjonali tal-ICCAT mingħajr dewmien, li, min-naħa tagħha, għandha tibagħtu minnufih lill-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment tal-qbid;

(5) jirreġistra l-attivitajiet tas-sajd imwettqin u jagħmel rapport dwarhom;

(6) josserva l-qabdiet u jagħmel stima tagħhom, u jivverifika d-data mdaħħla fil-ġurnal ta' abbord;

(7) joħroġ rapport ta' kuljum dwar l-attivitajiet ta' trasferiment tal-bastimenti tas-sajd bil-purse seine;

(8) josserva u jirreġistra l-bastimenti li jistgħu jkunu qed jistadu b'mod li jikser il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-ICCAT;

(9) jirreġistra l-attivitajiet ta' trasferiment imwettqin u jagħmel rapport dwarhom;

(10) jivverifika l-pożizzjoni tal-bastiment meta dan ikun qed iwettaq attività ta' trasferiment;

(11) josserva l-prodotti ttrasferiti u jagħmel stima tagħhom, fosthom billi jeżamina l-vidjos irreġistrati;

(12) jivverifika isem il-bastiment tas-sajd ikkonċernat u n-numru tal-ICCAT tiegħu u jirreġistrahom;

(13) iwettaq ħidma xjentifika, bħall-ġbir ta' dejta tal-Kompitu II, meta l-Kummissjoni titlob dan, abbażi tal-istruzzjonijiet mogħtija mill-SCRS;

(14) [...]

(b) għall-osservaturi reġjonali tal-ICCAT fil-farms tal-ħut u fil-post fejn jinsabu t-tunnari, li jimmonitorjaw il-konformità ta' dawn il-farms u ta' dawn it-tunnari mal-miżuri rilevanti ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati mill-ICCAT. B'mod partikolari, l-osservatur reġjonali tal-ICCAT għandu:

(1) jivverifika d-dejta li hemm fid-dikjarazzjoni tat-trasferiment, fid-dikjarazzjoni dwar it-tqegħid fil-gaġeġ u fid-dokument dwar il-qabdiet tat-tonn, fosthom billi jeżamina l-vidjos irreġistrati;

(2) jiċċertifika d-dejta li hemm fid-dikjarazzjoni tat-trasferiment, fid-dikjarazzjoni dwar it-tqegħid fil-gaġeġ u fid-***dokumenti dwar il-qabdiet tat-tonn;***

(3) joħroġ rapport ta' kuljum dwar l-attivitajiet ta' trasferiment tal-farms tal-ħut u tat-tunnari;

(4) jikkontrofirma d-dikjarazzjoni tat-trasferiment, id-dikjarazzjoni dwar it-tqegħid fil-gaġeġ u d-dokumenti dwar il-qabdiet tat-tonn biss meta jaqbel li t-tagħrif li jinsab fihom huwa konsistenti mal-osservazzjonijiet tiegħu, inkluż reġistrazzjoni konformi bil-vidjo, kif meħtieġ skont ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 33(1) u fl-Artikolu 42(1);

(5) iwettaq il-ħidma xjentifika, bħall-ġbir ta' kampjuni, mitluba mill-Kummissjoni, abbażi tal-istruzzjonijiet mogħtija mill-SCRS.

(6) jirreġistra u jivverifika jekk ikunx hemm kwalunkwe tip ta' marka, inkluża xi marka naturali, u jinnotifika dwar kwalunkwe sinjal li tneħħiet xi marka reċentement.

(c) li jistabbilixxu rapporti ġenerali li jiġbru fihom it-tagħrif miġbur skont dan il-punt u jagħtu l-opportunità lill-kaptan u lill-operatur tal-farm tal-ħut idaħħlu fihom kull tagħrif rilevanti;

(d) li jibagħtu r-rapport ġenerali msemmi hawn fuq lis-Segretarjat fi żmien 20 jum minn meta jintemm il-perjodu tal-osservazzjoni;

(e) li jwettqu kwalunkwe funzjoni oħra, kif iddefinit mill-ICCAT.

9. L-osservatur reġjonali tal-ICCAT għandu jittratta t-tagħrif kollu dwar l-attivitajiet tas-sajd u tat-trasferiment tal-bastimenti tas-sajd bil-purse seine u tal-farms tal-ħut bħala tagħrif kunfidenzjali u jrid jaċċetta dan ir-rekwiżit bil-miktub biex jinħatar bħala osservatur reġjonali tal-ICCAT.

10. L-osservatur reġjonali tal-ICCAT għandu jkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-liġijiet u fir-regolamenti tal-Istat tal-bandiera jew tal-Istat tal-farm tal-ħut li taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu jkun jaqa' l-bastiment jew il-farm tal-ħut li għalih huwa jkun assenjat.

11. L-osservatur reġjonali tal-ICCAT għandu jirrispetta l-ġerarkija u jħares ir-regoli ġenerali tal-imġiba li japplikaw għall-persunal kollu li jaħdem fuq il-bastiment u fil-farm tal-ħut, dejjem jekk dawn ir-regoli ma jxekklux id-dmirijiet tiegħu fil-kuntest ta' dan il-programm u l-obbligi tal-persunal tal-bastimenti u tal-farms tal-ħut mogħtija fil-punt 7 u fl-Artikolu 49(6).

OBBLIGI TAL-ISTATI MEMBRI TAL-BANDIERA FIL-KONFRONT TAL-OSSERVATURI REĠJONALI TAL-ICCAT

12. L-Istati Membri responsabbli għall-bastiment tas-sajd bil-purse seine, għall-farm tal-ħut jew għat-tunnara għandhom jiżguraw li l-osservaturi reġjonali tal-ICCAT:

(a) jingħataw aċċess għall-persunal tal-bastiment***, [...]*** tal-farms tal-ħut ***u tat-tunnari***, u għall-irkaptu, il-gaġeġ u t-tagħmir;

(b) jingħataw aċċess għat-tagħmir li ġej, fuq talba, jekk ikun hemm dan it-tagħmir fuq il-bastimenti li għalihom ikunu assenjati, sabiex ikunu jistgħu jwettqu b'mod iktar faċli dmirijiethom mogħtija fil-punt 3 tal-Anness VI:

(1) it-tagħmir tan-navigazzjoni bis-satellita;

(2) l-iskrins li juru l-immaġnijiet meħudin mir-radar, meta dawn ikunu qed jintużaw;

(3) il-mezzi elettroniċi tal-komunikazzjoni;

(c) jingħataw akkomodazzjoni, inkluż xi mkien fejn joqgħodu, ikel u faċilitajiet sanitarji xierqa, l-istess bħalma jingħataw l-uffiċjali;

(d) jingħataw biżżejjed spazju għax-xogħol klerikali fuq il-briġġ jew fil-post tal-kenn għat-tmunier, u biżżejjed spazju fuq il-gverta sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti ta' osservazzjoni tagħhom.

SPEJJEŻ LI ĠEJJIN MILL-PROGRAMM TA' OSSERVATURI REĠJONALI TAL-ICCAT

13. L-operaturi tal-farms tal-ħut jew sidien il-bastimenti tas-sajd bil-purse seine għandhom iħallsu l-ispejjeż kollha li ġejjin mill-attivitajiet tal-osservaturi reġjonali tal-ICCAT.

ANNESS VIII

L-ISKEMA TAL-ICCAT TA' SPEZZJONI INTERNAZZJONALI KONĠUNTA

Waqt ir-Raba' Laqgħa Regolari tagħha (li saret f'Madrid f'Novembru tal-1975) u waqt il-Laqgħa Annwali tagħha tal-2008 li saret f'Marrakesh, l-ICCAT qablet dwar dan li ġej:

Skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu IX tal-Konvenzjoni, l-ICCAT tirrakkomanda li jiġu stabbiliti l-arranġamenti li ġejjin għall-kontrolli internazzjonali fl-ilmijiet li ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni nazzjonali, sabiex ikun żgurat li l-Konvenzjoni u l-miżuri li huma fis-seħħ abbażi tagħha jiġu applikati:

I. KSUR SERJU

1. Għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri, ksur serju jfisser il-ksur li ġej tad-dispożizzjonijiet tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-ICCAT adottati mill-ICCAT:

   (a) sajd mingħajr liċenzja, permess jew awtorizzazzjoni maħruġa mill-PKK tal-bandiera;

   (b) in-nuqqas ta' żamma ta' biżżejjed rekords tad-dejta dwar il-qabdiet u tad-dejta marbuta mal-qabdiet skont ir-rekwiżiti tar-rappurtar tal-ICCAT, jew rappurtar żbaljat sinifikanti tat-tali dejta dwar il-qabdiet u/jew tad-data marbuta mal-qabdiet;

   (c) is-sajd f'żona magħluqa;

   (d) is-sajd waqt staġun magħluq;

   (e) it-teħid jew iż-żamma intenzjonali ta' speċijiet bi ksur ta' kwalunkwe miżura ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbli adottata mill-ICCAT;

   (f) ksur sinifikanti tal-limiti tal-qbid jew tal-kwoti li jkunu fis-seħħ skont ir-regoli tal-ICCAT;

   (g) l-użu ta' rkaptu pprojbit tas-sajd;

   (h) il-falsifikazzjoni jew il-ħabi apposta tal-marki, tal-identità jew tar-reġistrazzjoni ta' bastiment tas-sajd;

   (i) il-ħabi, it-tbagħbis jew it-twarrib tal-provi marbutin ma' investigazzjoni ta' ksur;

(j) diversi każijiet ta' ksur li meta jittieħdu flimkien jikkostitwixxu nuqqas serju ta' ħarsien tal-miżuri fis-seħħ skont ir-regoli tal-ICCAT;

(k) attakk, reżistenza, intimidazzjoni, fastidju sesswali, indħil, jew tfixkil jew tidwim bla bżonn fil-konfront ta' spettur jew osservatur awtorizzat;

(l) it-tbagħbis jew id-diżattivazzjoni intenzjonali tal-VMS;

(m) kull ksur ieħor li jista' jiġi stabbilit mill-ICCAT, ladarba dan jiġi inkluż u ċċirkolat f'verżjoni riveduta ta' dawn il-proċeduri;

(n) is-sajd bl-assistenza ta' ajruplani ta' lokalizzazzjoni;

(o) l-indħil fis-sistema tal-monitoraġġ bis-satellita u/jew l-użu ta' bastiment mingħajr VMS;

(p) attività ta' trasferiment mingħajr dikjarazzjoni tat-trasferiment;

(q) it-trasbord fuq il-baħar.

2. Fil-każ ta' kwalunkwe tlugħ abbord bastiment tas-sajd u spezzjoni tiegħu li matulha l-ispettur awtorizzat josserva attività jew kondizzjoni li tista' tikkostitwixxi ksur serju, kif iddefinit fil-punt 1, l-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera tal-bastimenti ta' spezzjoni għandhom jgħarrfu minnufih lill-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd b'dan, kemm b'mod dirett u kemm permezz tas-Segretarjat tal-ICCAT. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-ispettur għandu jgħarraf ukoll lil kwalunkwe bastiment ta' spezzjoni tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd li jkun jaf li jinsab fil-qrib.

3. L-ispettur tal-ICCAT għandu jirreġistra l-ispezzjonijiet li jwettaq u kwalunkwe ksur li jidentifika matulhom fil-ġurnal ta' abbord tal-bastiment tas-sajd.

4. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jiżgura li, wara l-ispezzjoni msemmija fil-punt 2 ta' dan l-Anness, il-bastiment tas-sajd ikkonċernat iwaqqaf kull attività tas-sajd. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jitlob lill-bastiment tas-sajd jipproċedi fi żmien 72 siegħa lejn port magħżul minnu, fejn għandha tinbeda investigazzjoni.

5. Jekk l-Istat Membru tal-bandiera ma jitlobx lill-bastiment jipproċedi lejn port, huwa għandu jipprovdi ġustifikazzjoni xierqa għal dan fil-ħin lill-Kummissjoni Ewropea, li għandha tibgħat dak it-tagħrif lis-Segretarjat tal-ICCAT, li għandu jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Partijiet Kontraenti l-oħra, jekk dawn jitolbu dan.

II. TWETTIQ TAL-ISPEZZJONIJIET

6. L-ispezzjonijiet għandhom jitwettqu minn spetturi maħturin mill-Partijiet Kontraenti. L-ismijiet tal-aġenziji tal-gvern awtorizzati u ta' kull spettur maħtur għal dak il-għan mill-gvernijiet rispettivi tagħhom għandhom jintbagħtu lill-ICCAT.

7. Il-bastimenti li jwettqu servizzi ta' imbarkazzjoni internazzjonali u dmirijiet ta' spezzjoni skont dan l-Anness għandhom itajru bandiera jew fjamma speċjali approvata mill-ICCAT u maħruġa mis-Segretarjat tal-ICCAT. L-ismijiet tal-bastimenti użati b'dan il-mod għandhom jintbagħtu lis-Segretarjat tal-ICCAT malli jkun prattikabbli qabel jibdew l-attivitajiet ta' spezzjoni. Is-Segretarjat tal-ICCAT għandu jqiegħed it-tagħrif dwar il-bastimenti ta' spezzjoni maħturin għad-dispożizzjoni tal-PKK kollha, fosthom billi jpoġġi dan it-tagħrif fuq is-sit elettroniku tiegħu li huwa protett b'password.

8. Kull spettur għandu jġorr dokument tal-identità xieraq maħruġ mill-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera, li għandu jkun fil-forma murija fil-punt 21 ta' dan l-Anness.

9. Soġġett għall-arranġamenti miftiehma fil-kuntest tal-punt 16 ta' dan l-Anness, bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Parti Kontraenti u li jkun qed jistad għat-tonn jew għall-ħut li jixbah lit-tonn fiż-żona tal-Konvenzjoni barra l-ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni nazzjonali tiegħu għandu jieqaf meta jingħata s-sinjal ix-xieraq tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali minn bastiment li jtajjar il-fjamma tal-ICCAT deskritta fil-punt 7 u li jkollu spettur abbord, sakemm il-bastiment ma jkunx qed iwettaq attivitajiet tas-sajd dak il-ħin stess, f'liema każ għandu jieqaf minnufih hekk kif itemm it-tali attivitajiet. Kif speċifikat fil-punt 10 ta' dan l-Anness, il-kaptan tal-bastiment għandu jippermetti lit-tim tal-ispezzjoni jitla' abbord u għandu jipprovdilu sellum biex jitla' abbord. Il-kaptan għandu jippermetti lit-tim tal-ispezzjoni jeżamina t-tagħmir, il-qabda jew l-irkaptu u kwalunkwe dokument rilevanti li l-ispettur iqis li jkun meħtieġ sabiex tiġi vverifikata l-konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT li jkunu fis-seħħ għall-Istat tal-bandiera tal-bastiment li jkun qed jiġi spezzjonat. Barra minn hekk, l-ispettur jista' jitlob kwalunkwe spjegazzjoni li huwa jqis li hija meħtieġa.

10. L-uffiċjal kmandant tal-bastiment tal-ispezzjoni għandu jiddeċiedi kemm għandu jkun kbir it-tim tal-ispezzjoni filwaqt li jqis iċ-ċirkostanzi rilevanti. It-tim tal-ispezzjoni għandu jkun żgħir kemm jista' jkun sabiex iwettaq id-dmirijiet mogħtija f'dan l-Anness b'sigurtà u b'sikurezza.

11. Meta jitla' abbord il-bastiment, l-ispettur għandu jipprovdi d-dokument tal-identità deskritt fil-punt 8 ta' dan l-Anness. L-ispettur għandu jħares ir-regoli, il-proċeduri u l-prattiki internazzjonali aċċettati b'mod ġenerali li jirrigwardaw is-sigurtà tal-bastiment li qed jiġi spezzjonat u l-ekwipaġġ tiegħu, u għandu jnaqqas kemm jista' jkun l-interferenza fl-attivitajiet tas-sajd jew fl-istivar tal-prodotti u, sa fejn ikun prattikabbli, għandu jevita li jieħu azzjonijiet li jistgħu jaffettwaw ħażin il-kwalità tal-qabda li jkun hemm abbord.

Kull spettur għandu jillimita l-inkjesti tiegħu għall-aċċertazzjoni tal-ħarsien tar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT li jkunu fis-seħħ għall-Istat tal-bandiera tal-bastiment ikkonċernat. Huwa u jwettaq l-ispezzjoni, spettur jista' jistaqsi lill-kaptan tal-bastiment tas-sajd għal kwalunkwe għajnuna li jista' jkun jeħtieġ. Huwa għandu jħejji rapport tal-ispezzjoni f'forma approvata mill-ICCAT. Huwa għandu jiffirma r-rapport fil-preżenza tal-kaptan tal-bastiment, li għandu jkollu d-dritt iżid mar-rapport kwalunkwe osservazzjoni li jaħseb li hija xierqa, jew li jitlob li din tiżdied mar-rapport, u li għandu jiffirma ħdejn it-tali osservazzjonijiet.

12. Għandhom jingħataw kopji tar-rapport lill-kaptan tal-bastiment u lill-gvern tat-tim tal-ispezzjoni, li, min-naħa tiegħu, għandu jgħaddi kopji tiegħu lill-awtoritajiet ix-xierqa tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment spezzjonat u lill-ICCAT. Meta l-ispettur jinnota xi ksur tar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT, huwa għandu jgħarraf b'dan ukoll lil kwalunkwe bastiment ta' spezzjoni tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd li jkun jaf li jinsab fil-qrib, fejn dan ikun possibbli.

13. L-Istat tal-bandiera tal-bastiment spezzjonat għandu jittratta l-fatt li jkun hemm reżistenza għal spettur jew li ma jkunx hemm konformità mal-istruzzjonijiet tiegħu bl-istess mod bħal dak l-aġir imwettaq fir-rigward ta' spettur nazzjonali.

14. L-ispettur għandu jaqdi dmirijietu fil-kuntest ta' dawn l-arranġamenti skont ir-regoli mogħtija f'dan ir-Regolament, iżda għandu jibqa' taħt il-kontroll operattiv tal-awtoritajiet nazzjonali tiegħu u għandu jkun responsabbli lejhom.

15. Il-Partijiet Kontraenti għandhom iqisu r-rapporti ta' spezzjoni, il-folji tat-tagħrif dwar il-lemħ skont ir-Rakkomandazzjoni 94-09 u d-dikjarazzjonijiet li jkunu ġejjin minn spezzjonijiet iddokumentati ta' spetturi barranin taħt dawn l-arranġamenti u jaġixxu fuqhom bl-istess mod bħalma jagħmlu għar-rapporti tal-ispetturi nazzjonali skont il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-punt m'għandhom jimponu l-ebda obbligu fuq xi Parti Kontraenti li tagħti r-rapport ta' spettur barrani valur ogħla bħala prova milli kien ikollu fil-pajjiż tal-ispettur stess. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jikkollaboraw bejniethom biex jiffaċilitaw il-proċedimenti ġudizzjarji jew oħrajn li jkun hemm minħabba rapport ta' spettur magħmul fil-kuntest ta' dawn l-arranġamenti.

16. (a) Il-Partijiet Kontraenti għandhom jgħarrfu lill-ICCAT sal-15 ta' Frar ta' kull sena bil-pjanijiet proviżorji tagħhom għat-twettiq tal-attivitajiet ta' spezzjoni fil-kuntest ta' dan ir-Regolament f'dik is-sena kalendarja u l-ICCAT tista' tagħmel suġġerimenti lill-Partijiet Kontraenti għall-koordinament tal-operazzjonijiet nazzjonali f'dan il-qasam, fosthom dwar l-għadd ta' spetturi u ta' bastimenti li jkollhom l-ispetturi abbord.

(b) L-arranġamenti stipulati f'dan ir-Regolament u l-pjanijiet għall-parteċipazzjoni għandhom japplikaw bejn il-Partijiet Kontraenti, sakemm dawn ma jiftehmux mod ieħor bejniethom, f'liema każ l-ICCAT għandha tiġi mgħarrfa b'tali qbil. Madankollu, sakemm jiġi konkluż ftehim bħal dan, l-implimentazzjoni tal-iskema għandha tkun sospiża bejn żewġ Partijiet Kontraenti jekk xi wieħed minnhom ikun għarraf lill-ICCAT dwar dan.

17. (a) L-irkaptu tas-sajd għandu jiġi spezzjonat skont ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ għas-subżona li fiha sseħħ l-ispezzjoni. L-ispettur għandu jdaħħal is-subżona li fiha tkun seħħet l-ispezzjoni u deskrizzjoni ta' kull ksur li jkun sab matul dik l-ispezzjoni fir-rapport tal-ispezzjoni.

(b) L-ispettur għandu jkollu d-dritt jispezzjona l-irkaptu kollu tas-sajd li jkun qed jintuża jew li jkun hemm abbord.

18. L-ispettur għandu jwaħħal marka tal-identifikazzjoni approvata mill-ICCAT ma' kwalunkwe tagħmir tas-sajd spezzjonat li jidher li jkun qed jikser ir-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT li jkunu fis-seħħ għall-Istat tal-bandiera tal-bastiment ikkonċernat u għandu jirreġistra dan il-fatt fir-rapport tal-ispezzjoni.

19. L-ispettur jista' jieħu ritratti tal-irkaptu, tat-tagħmir, tad-dokumentazzjoni u ta' kull element ieħor li huwa jqis li jkun meħtieġ, b'tali mod li jiġu żvelati dawk il-karatteristiċi li, fl-opinjoni tiegħu, mhumiex konformi mar-regolament fis-seħħ, f'liema każ l-oġġetti li jitteħdilhom ritratt għandhom jitniżżlu fir-rapport u kopji tar-ritratti għandhom jinhemżu mal-kopja tar-rapport maħsuba għall-Istat tal-bandiera.

20. L-ispettur għandu jispezzjona l-qabda kollha abbord sabiex jistabbilixxi l-konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT, skont il-bżonn.

21. Il-mudell tal-Karta tal-Identità tal-ispetturi huwa mogħti hawn taħt:

INTERNATIONAL COMMISSION FOR THE CONSERVATION OF ATLANTIC TUNA

ICCAT

Inspector Identity Card

Photograph

Contracting Party:

Inspector Name:

Card n°:

Issue Date: Valid five years

ICCAT

The holder of this document is an ICCAT inspector duly appointed under the terms of the Scheme of Joint International Inspection and Surveillance of the International Commission for the Conservation of the Atlantic Tuna and has the authority to act under the provision of the ICCAT Control and Enforcement measures.

....
ICCAT Executive Secretary
Issuing Authority

....
Inspector

ANNESS IX

Standards minimi għall-proċeduri għar-reġistrazzjoni bil-vidjokamera

Attivitajiet ta' trasferiment

(1) L-apparat elettroniku għall-ħżin li jkun fih il-vidjo oriġinali rreġistrat għandu jingħata lill-osservatur reġjonali tal-ICCAT malajr kemm jista' jkun wara li tintemm l-attività tat-trasferiment, u dan għandu jpoġġi l-inizjali tiegħu fuqu minnufih biex jiġi evitat li jkun hemm iktar manipulazzjoni.

(2) Il-vidjo oriġinali rreġistrat għandu jinżamm abbord il-bastiment tal-qbid jew mill-operatur tal-farm tal-ħut jew tat-tunnara, fejn dan ikun xieraq, għall-perjodu kollu tal-awtorizzazzjoni.

(3) Għandhom jiġu prodotti żewġ kopji identiċi tal-vidjo rreġistrat. Kopja waħda għandha tintbagħat lill-osservatur reġjonali tal-ICCAT preżenti u l-kopja l-oħra għandha tintbagħat, flimkien mad-dikjarazzjoni tat-trasferiment u mat-tagħrif dwar il-qabdiet assoċjati li magħhom hija relatata, lill-osservatur nazzjonali abbord il-bastiment tal-irmunkar. Din il-proċedura għandha tapplika biss għall-osservaturi nazzjonali fil-każ ta' trasferimenti bejn il-bastimenti tal-irmunkar.

(4) Fil-bidu ta' kull vidjo u/jew fi tmiemu, għandu jidher in-numru tal-awtorizzazzjoni tat-trasferiment tal-ICCAT.

(5) Id-data u l-ħin tal-vidjo għandhom jidhru b'mod kontinwu matul kull vidjo rreġistrat.

(6) Qabel ma jibda t-trasferiment, il-vidjo għandu jinkludi l-ftuħ u l-għeluq tax-xibka jew tal-bieb u filmat li juri jekk il-gaġeġ li minnhom ikun ser jinħareġ it-tonn u li fihom ikun ser jiddaħħal ikunx diġà fihom it-tonn jew le.

(7) Ir-reġistrazzjoni bil-vidjokamera għandha tkun kontinwa, mingħajr interruzzjonijiet jew qtugħ, u għandha tkopri l-attività kollha tat-trasferiment.

(8) Il-vidjo rreġistrat għandu jkun ta' kwalità tajba biżżejjed biex jiġi stmat l-għadd ta' tonn li jkun qed jiġi ttrasferit.

(9) Jekk il-vidjo rreġistrat ma jkunx ta' kwalità tajba biżżejjed biex jiġi stmat l-għadd ta' tonn li jkun qed jiġi ttrasferit, l-awtoritajiet ta' kontroll għandhom jitolbu li jsir trasferiment ġdid. Matul it-trasferiment il-ġdid, it-tonn kollu ta' ġol-gaġġa li fiha jkun iddaħħal it-tonn għandu jiġi ttrasferit għal ġo gaġġa oħra li trid tkun vojta.

Attivitajiet ta' tqegħid fil-gaġeġ

(1) L-apparat elettroniku għall-ħżin li jkun fih il-vidjo oriġinali rreġistrat għandu jingħata lill-osservatur reġjonali tal-ICCAT malajr kemm jista' jkun wara li tintemm l-attività ta' tqegħid fil-gaġeġ, u dan għandu jpoġġi l-inizjali tiegħu fuqu minnufih biex jiġi evitat li jkun hemm iktar manipulazzjoni.

(2) Il-vidjo oriġinali rreġistrat għandu jinżamm mill-farm tal-ħut, fejn dan ikun applikabbli, għall-perjodu kollu tal-awtorizzazzjoni.

(3) Għandhom jiġu prodotti żewġ kopji identiċi tal-vidjo rreġistrat. Kopja waħda għandha tintbagħat lill-osservatur reġjonali tal-ICCAT li jkun hemm fil-farm tal-ħut.

(4) Fil-bidu ta' kull vidjo u/jew fi tmiemu, għandu jidher in-numru tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ tal-ICCAT.

(5) Id-data u l-ħin tal-vidjo għandhom jidhru b'mod kontinwu matul kull vidjo rreġistrat.

(6) Qabel ma jibda t-tqegħid fil-gaġeġ, il-vidjo għandu jinkludi l-ftuħ u l-għeluq tax-xibka jew tal-bieb u għandu juri jekk il-gaġeġ li minnhom ikun ser jinħareġ it-tonn u li fihom ikun ser jiddaħħal ikunx diġà fihom it-tonn jew le.

(7) Ir-reġistrazzjoni bil-vidjokamera għandha tkun kontinwa, mingħajr interruzzjonijiet jew qtugħ, u għandha tkopri l-attività kollha tat-tqegħid fil-gaġeġ.

(8) Il-vidjo rreġistrat għandu jkun ta' kwalità tajba biżżejjed biex jiġi stmat l-għadd ta' tonn li jkun qed jiġi ttrasferit.

(9) Jekk il-vidjo rreġistrat ma jkunx ta' kwalità tajba biżżejjed biex jiġi stmat l-għadd ta' tonn li jkun qed jiġi ttrasferit, l-awtoritajiet ta' kontroll għandhom jitolbu li ssir attività ġdida ta' tqegħid fil-gaġeġ. Matul l-attività l-ġdida ta' tqegħid fil-gaġeġ, it-tonn kollu ta' ġol-gaġġa tal-farm tal-ħut li fiha jkun iddaħħal it-tonn għandu jiġi ttrasferit għal ġo gaġġa oħra tal-farm tal-ħut li trid tkun vojta.

ANNESS X

Standards u proċeduri għall-programmi u l-obbligi tar-rappurtar imsemmija fl-Artikolu 44(2) sa (7) u fl-Artikolu 45(1)

A. Użu tas-sistemi tal-kameras sterjoskopiċi

Fil-kuntest tal-attivitajiet ta' tqegħid fil-gaġeġ, is-sistemi tal-kameras sterjoskopiċi għandhom jintużaw skont dan li ġej, hekk kif mitlub mill-Artikolu 44 ta' dan ir-Regolament:

1. Għall-kampjuni tal-ħut ħaj, m'għandux jittieħed perċentwali ta' inqas minn 20 % tal-ammont ta' ħut li jkun qed jitqiegħed fil-gaġeġ. Fejn dan ikun teknikament possibbli, il-kampjuni tal-ħut ħaj għandhom jittieħdu f'sekwenza, jiġifieri trid titkejjel ħuta waħda minn kull ħamsa; il-ħut meqjus fit-tali kampjuni għandu jitkejjel f'distanza ta' bejn żewġ u tmien metri 'l bogħod mill-kamera.
2. Il-bieb ta' trasferiment li jgħaqqad il-gaġġa li minnha jkun ser jinħareġ il-ħut mal-gaġġa li fiha jkun ser jiddaħħal m'għandux ikun wiesa' iktar minn 10 metri u għoli iktar minn 10 metri.
3. Meta jkun hemm distribuzzjoni multimodali tal-kejl tat-tul tal-ħut (jiġifieri jkun hemm żewġ koorti jew iktar ta' daqsijiet differenti), wieħed għandu jkun jista' juża iktar minn algoritmu ta' konverżjoni wieħed għall-istess attività ta' tqegħid fil-gaġeġ; għandhom jintużaw l-iktar algoritmi reċenti stabbiliti mill-SCRS biex it-tulijiet sal-furketta jinqalbu f'piżijiet totali skont il-kategorija tad-daqs tal-ħut imkejjel matul l-attività ta' tqegħid fil-gaġeġ.
4. Il-kejl sterjoskopiku tat-tul għandu jiġi vvalidat qabel kull attività ta' tqegħid fil-gaġeġ billi tintuża skala grafika f'distanza ta' bejn żewġ u tmien metri.
5. Meta jintbagħtu r-riżultati tal-programm sterjoskopiku, għandu jintbagħat ukoll tagħrif dwar il-marġni ta' żball inerenti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sistema ta' kameras sterjoskopiċi, li m'għandux jaqbeż firxa ta' madwar 5 %.
6. Ir-rapport dwar ir-riżultati tal-programm sterjoskopiku għandu jinkludi dettalji dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kollha msemmijin hawn fuq, fosthom l-intensità tat-teħid tal-kampjuni, il-metodu tat-teħid tal-kampjuni, id-distanza mill-kamera, id-daqs tal-bieb ta' trasferiment u l-algoritmi (ir-relazzjoni bejn it-tul u l-piż). L-SCRS għandu jeżamina mill-ġdid dawn l-ispeċifikazzjonijiet u għandu jipprovdi rakkomandazzjonijiet biex dawn jinbidlu jekk ikun hemm bżonn.
7. F'każijiet fejn il-filmat meħud bil-kamera sterjoskopika ma jkunx ta' kwalità tajba biżżejjed biex jiġi stmat il-piż tat-tonn li jkun qed jitqiegħed fil-gaġeġ, l-awtoritajiet tal-Istat Membru responsabbli għall-bastiment tal-qbid, għall-farm tal-ħut jew għat-tunnara għandhom jordnaw li ssir attività ġdida ta' tqegħid fil-gaġeġ.

B. Preżentazzjoni tar-riżultati tal-programmi u l-użu tagħhom

1. Id-deċiżjonijiet dwar id-differenzi li jkun hemm bejn ir-rapport tal-qabdiet u r-riżultati li joħorġu mill-programm tas-sistema sterjoskopika għandhom jittieħdu fil-livell tal-qabdiet totali tal-attività konġunta tas-sajd jew tal-qabdiet totali fit-tunnara fil-każ tal-qabdiet tal-attivitajiet konġunti tas-sajd u tal-qabdiet fit-tunnari li jkunu maħsubin biex jintbagħtu f'faċilità ta' farm tal-ħut li jkunu jinvolvu PKK waħda u/jew Stat Membru wieħed. Id-deċiżjonijiet dwar id-differenzi li jkun hemm bejn ir-rapport tal-qabdiet u r-riżultati li joħorġu mill-programm tas-sistema sterjoskopika għandhom jittieħdu fil-livell tal-attivitajiet ta' tqegħid fil-gaġeġ fil-każ tal-attivitajiet konġunti tas-sajd li jkunu jinvolvu iktar minn PKK waħda u/jew Stat Membru wieħed, sakemm l-awtoritajiet tal-PKK jew tal-Istati Membri tal-bandiera tal-bastimenti tal-qbid involuti fl-attività konġunta tas-sajd ma jiftehmux kollha mod ieħor bejniethom.

2. L-Istat Membru responsabbli għall-farm tal-ħut għandu jibgħat rapport lill-Istat Membru jew lill-PKK li tkun responsabbli għall-bastiment tal-qbid jew għat-tunnara u lill-Kummissjoni, li għandu jinkludi d-dokumenti li ġejjin:

(a) rapport tekniku dwar is-sistema sterjoskopika, li għandu jinkludi:

– tagħrif ġenerali: l-ispeċi, il-post, il-gaġġa, id-data u l-algoritmu;

– it-tagħrif statistiku dwar id-daqs: il-piż u t-tul medju, minimu u massimu, l-għadd ta' ħut li tqies fil-kampjun u d-distribuzzjoni tal-piż u tad-daqs;

(b) ir-riżultati dettaljati tal-programm u d-daqs u l-piż ta' kull ħuta li tqieset fil-kampjun;

(c) rapport dwar it-tqegħid fil-gaġeġ, li għandu jinkludi:

– it-tagħrif ġenerali dwar l-attività: in-numru tal-attività ta' tqegħid fil-gaġeġ, isem il-farm tal-ħut, in-numru tal-gaġġa, in-numru tad-dokument dwar il-qabdiet tat-tonn, in-numru tad-dikjarazzjoni tat-trasferiment tal-ICCAT, isem il-bastiment tal-qbid jew it-tunnara u l-bandiera tiegħu jew tagħha, isem il-bastiment tal-irmunkar u l-bandiera tiegħu, id-data tal-attività tas-sistema sterjoskopika u isem il-fajl tal-filmat;

– l-algoritmu li ntuża biex it-tul jinqaleb f'piż;

– tqabbil bejn l-ammonti ddikjarati fid-dokument dwar il-qabdiet tat-tonn u l-ammonti li jkunu ħarġu mis-sistema sterjoskopika għall-għadd ta' ħut, il-piż medju u l-piż totali (il-formola li għandha tintuża biex wieħed jikkalkula din id-differenza hija din li ġej: (l-ammonti li ħarġu mis-sistema sterjoskopika - l-ammonti ddikjarati fid-dokument dwar il-qabdiet tat-tonn) / l-ammonti li ħarġu mis-sistema sterjoskopika * 100);

– il-marġni ta' żball tas-sistema;

– fil-każ tar-rapporti dwar it-tqegħid fil-gaġeġ li jirrigwardaw l-attivitajiet konġunti tas-sajd jew it-tunnari, l-aħħar rapport dwar it-tqegħid fil-gaġeġ għandu jinkludi wkoll sommarju tat-tagħrif kollu mogħti fir-rapporti dwar it-tqegħid fil-gaġeġ ta' qabel.

3. Meta jirċievu r-rapport dwar it-tqegħid fil-gaġeġ, l-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-bastiment tal-qbid jew tat-tunnara għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa skont is-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) meta l-piż totali ddikjarat mill-bastiment tal-qbid jew mit-tunnara fid-dokument dwar il-qabdiet tat-tonn ikun fil-medda tar-riżultati li jkunu ħarġu mis-sistema sterjoskopika:

– l-awtoritajiet m'għandhom joħorġu l-ebda ordni ta' rilaxx;

– fid-dokument dwar il-qabdiet tat-tonn għandu jinbidel l-għadd ta' ħut (billi jintuża l-għadd ta' ħut li jkun ħareġ mill-użu tal-kameras ta' kontroll jew ta' tekniki alternattivi) u l-piż medju, iżda l-piż totali m'għandux jinbidel;

(b) meta l-piż totali ddikjarat mill-bastiment tal-qbid jew mit-tunnara fid-dokument dwar il-qabdiet tat-tonn ikun inqas miċ-ċifra l-aktar baxxa tal-medda tar-riżultati li jkunu ħarġu mis-sistema sterjoskopika:

– l-awtoritajiet għandhom joħorġu ordni ta' rilaxx, li fiha għandhom jużaw iċ-ċifra l-aktar baxxa tal-medda tar-riżultati li jkunu ħarġu mis-sistema sterjoskopika;

– l-attivitajiet tar-rilaxx għandhom jitwettqu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 32(2) u fl-Anness XI;

– wara li jkunu twettqu l-attivitajiet tar-rilaxx, fid-dokument dwar il-qabdiet tat-tonn għandu jinbidel l-għadd ta' ħut (billi jintuża l-għadd ta' ħut li jkun ħareġ mill-użu tal-kameras ta' kontroll, li minnu jitnaqqas l-għadd ta' ħut mitluq il-baħar) u l-piż medju, iżda l-piż totali m'għandux jinbidel;

(c) meta l-piż totali ddikjarat mill-bastiment tal-qbid jew mit-tunnara fid-dokument dwar il-qabdiet tat-tonn ikun jaqbeż l-ogħla ċifra tal-medda tar-riżultati li jkunu ħarġu mis-sistema sterjoskopika:

– l-awtoritajiet m'għandhom joħorġu l-ebda ordni ta' rilaxx;

– fid-dokument dwar il-qabdiet tat-tonn għandu jinbidel il-piż totali (billi tintuża l-ogħla ċifra tal-medda tar-riżultati li jkunu ħarġu mis-sistema sterjoskopika), l-għadd ta' ħut (billi jintużaw ir-riżultati li jkunu ħarġu mill-użu tal-kameras ta' kontroll) u l-piż medju, kif xieraq.

4. Fil-każ ta' kwalunkwe bidla rilevanti fid-dokument dwar il-qabdiet tat-tonn, iċ-ċifri (għall-għadd u l-piż) imniżżlin fit-Taqsima 2 għandhom ikunu l-istess bħal dawn imniżżlin fit-Taqsima 6, u ċ-ċifri mniżżlin fit-Taqsimiet 3, 4 u 6 m'għandhomx ikunu ogħla minn dawk imniżżlin fit-Taqsima 2.

5. F'każ ta' kumpens tad-differenzi li nstabu fir-rapporti individwali dwar it-tqegħid fil-gaġeġ fl-attivitajiet kollha ta' tqegħid fil-gaġeġ ta' attività konġunta tas-sajd jew ta' tunnara, kemm jekk ikun hemm bżonn issir attività ta' rilaxx u kemm jekk le, id-dokumenti rilevanti kollha dwar il-qabdiet tat-tonn għandhom jinbidlu abbażi tal-iktar medda baxxa tar-riżultati li jkunu ħarġu mis-sistema sterjoskopika. Id-dokumenti dwar il-qabdiet tat-tonn marbutin mal-kwantitajiet ta' tonn mitluq il-baħar ukoll għandhom jinbidlu biex ikunu jirriflettu l-piż jew l-għadd ta' tonn mitluq il-baħar. Id-dokumenti dwar il-qabdiet tat-tonn marbutin mal-kwantitajiet ta' tonn li ma jkunx intelaq il-baħar iżda li r-riżultati dwaru li jkunu ħarġu mis-sistemi sterjoskopiċi jew mill-użu ta' tekniki alternattivi jkunu jvarjaw mill-kwantitajiet tiegħu ddikjarati bħala maqbudin u ttrasferiti wkoll għandhom jiġu emendati biex ikunu jirriflettu dawn id-differenzi.

Id-dokumenti dwar il-qabdiet tat-tonn marbutin mal-qabdiet li minnhom ikun intelaq it-tonn il-baħar ukoll għandhom jinbidlu biex ikunu jirriflettu l-piż jew l-għadd ta' tonn mitluq il-baħar.

ANNESS XI

Protokoll tar-rilaxx

1. Ir-rilaxx tat-tonn minn ġol-gaġeġ tat-trasport jew tat-trobbija tal-ħut għal ġol-baħar għandu jiġi rreġistrat b'vidjokamera u jiġi osservat minn osservatur reġjonali tal-ICCAT li għandu jħejji rapport u jibagħtu, flimkien mal-vidjos irreġistrati, lis-Segretarjat tal-ICCAT.

2. Meta tkun inħarġet ordni tar-rilaxx, l-operatur tal-farm tal-ħut għandu jitlob li jiġi assenjat osservatur reġjonali tal-ICCAT għal dak il-farm tal-ħut.

3. Ir-rilaxx tat-tonn minn ġot-tunnari għal ġol-baħar għandu jiġi osservat minn osservatur nazzjonali li għandu jħejji rapport u jibagħtu lill-awtoritajiet ta' kontroll tal-Istat Membru responsabbli.

4. Qabel ma sseħħ attività ta' rilaxx, l-awtoritajiet ta' kontroll tal-Istati Membri jistgħu jordnaw li jsir trasferiment ta' kontroll bl-użu ta' kameras standard u/jew sterjoskopiċi biex jiġu stmati l-għadd ta' ħut li jrid jintelaq il-baħar u l-piż tiegħu.

5. L-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jimplimentaw kwalunkwe miżura oħra li huma jqisu li hija meħtieġa biex ikun żgurat li l-attivitajiet ta' rilaxx jitwettqu fiż-żmien u l-post l-aktar xieraq biex tiżdied il-probabbiltà li l-ħut wara jmur lura fil-ġliba. L-operatur għandu jkun responsabbli għas-sopravivenza tal-ħut sakemm dan jintelaq il-baħar. Dawn l-attivitajiet ta' rilaxx għandhom iseħħu fi żmien tliet ġimgħat minn meta jitlestew l-attivitajiet ta' tqegħid fil-gaġeġ.

6. Wara li jitlestew l-attivitajiet tal-ħsad, il-ħut li jkun għad baqa' fil-farm tal-ħut li ma jkunx kopert minn dokument dwar il-qabdiet tat-tonn tal-ICCAT għandu jintelaq il-baħar skont il-proċeduri deskritti fl-Artikolu 32(2) u f'dan l-Anness.

ANNESS XII

Trattament tal-ħut mejjet

Matul l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd bil-purse seine, il-kwantitajiet ta' ħut li jinstab mejjet fit-tartarun għandhom jitniżżlu fil-ġurnal ta' abbord tal-bastiment tas-sajd u għandhom jitnaqqsu mill-kwota tal-Istat Membru kif xieraq.

Reġistrazzjoni jew trattament tal-ħut mejjet waqt l-ewwel trasferiment

1) Id-dokument dwar il-qabdiet tat-tonn għandu jingħata lill-operatur tal-bastiment tal-irmunkar bit-Taqsimiet 2, 3 u 4 (intitolati "Il-qabda totali", "Il-kummerċ tal-ħut ħaj" u "It-trasferiment, inkluż il-ħut 'mejjet'" rispettivament) mimlija.

   Il-kwantitajiet totali mniżżlin fit-Taqsimiet 3 u 4 għandhom ikunu daqs il-kwantitajiet imniżżlin fit-Taqsima 2. Mad-dokument dwar il-qabdiet tat-tonn għandu jkun hemm id-dikjarazzjoni oriġinali tat-trasferiment tal-ICCAT b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Il-kwantitajiet imniżżlin fid-dikjarazzjoni tat-trasferiment tal-ICCAT (ta' ħut ittrasferit ħaj), għandhom ikunu daqs il-kwantitajiet imniżżlin fit-Taqsima 3 tad-dokument dwar il-qabdiet tat-tonn marbut magħha.

2) Parti mid-dokument dwar il-qabdiet tat-tonn, inkluża t-Taqsima 8 (intitolata "Tagħrif dwar il-kummerċ") għandha timtela u tingħata lill-operatur tal-bastiment awżiljarju li jkun qed iġorr it-tonn mejjet lejn l-art (jew inkella din għandha tinżamm abbord il-bastiment tal-qbid jekk dan it-tonn jinħatt direttament l-art). Ma' din il-parti tad-dokument dwar il-qabdiet tat-tonn u dan il-ħut mejjet għandu jkun hemm kopja tad-dikjarazzjoni tat-trasferiment tal-ICCAT.

3) Il-kwantitajiet ta' ħut mejjet għandhom jitniżżlu fid-dokument dwar il-qabdiet tat-tonn tal-bastiment tal-qbid li jkun qabadhom jew, fil-każ tal-attivitajiet konġunti tas-sajd, fid-dokument dwar il-qabdiet tat-tonn tal-bastimenti tal-qbid jew ta' bastiment li jtajjar bandiera oħra li jkun qed jieħu sehem fl-attività konġunta tas-sajd.

ANNESS XIII

Tabella ta' Korrelazzjoni

Ir-Regolament (KE) Nru 302/2009	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikoli 1 u 2
Artikolu 2	Artikolu 3
Artikolu 3	Artikolu 4
Artikolu 4(1)	Artikolu 5(1)
Artikolu 4(2)	Artikolu 6(1)(a)
Artikolu 4(3) u (5)	Artikolu 7
Artikolu 4(4) it-tieni subparagrafu	Artikolu 6(1)(a) u 6(2)
Artikolu 4(6)(a) u (b) u t-tieni subparagrafu	Artikolu 52
Artikolu 4(6), it-tielet subparagrafu	Artikolu 20(2)
Artikolu 4(7),(8),(9), (10), (11) u (12)	-
Artikolu 4(13)	Artikolu 5(3)
Artikolu 4(15)	Artikolu 17
Artikolu 5(1)	Artikolu 6(1)(b)
Artikolu 5(2),(3),(4),(5) u (6)	Artikolu 8(1)(2)(3)(4)(5)(6)
Artikolu 5(7),(8),(9), l-ewwel subparagrafu	-
Artikolu 5(9) it-tieni subparagrafu	Artikolu 6(2)
Artikolu 6	Artikolu 9
Artikolu 7	Artikoli 10 u 11
Artikolu 8	Artikolu 16
Artikolu 9(1) u (2)	Artikolu 13(1) u (2)
Artikolu 9(3),(4),(5),(7),(8),(9) u (10)	Anness I
Artikolu 9(6)	-
Artikolu 9(11)	Artikolu 13(3)
Artikolu 9(12),(13),(14)(15)	Artikolu 14
Artikolu 10	-
Artikolu 11	Artikolu 15(2),(3) u (5)
Artikolu 12(1),(2),(3) u (4)	Artikolu 18
Artikolu 12(5)	-
Artikolu 13(1),(2) u (3)	Artikolu 18
Artikolu 13(4)	-
Artikolu 14(1),(2),(3) u (5)	Artikolu 19
Artikolu 14(4)	Artikolu 20(1)
Artikolu 15	Artikolu 21
Artikolu 16	Artikolu 27(1),(3),(4)
Artikolu 17	Artikolu 28
Artikolu 18(1)	Artikolu 23
Artikolu 18(2)	Anness II
Artikolu 19	Artikolu 22(1)(2)(3)
Artikolu 20(1) u (2)	Artikolu 24(1)(2)(3)
Artikolu 20(3) u (4)	Artikolu 25
Artikolu 21	Artikolu 29(1)(2)(3)(4)(6)(7)
Artikolu 22(1) u (2), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 31(1), (3) u (5)

Ir-Regolament (KE) Nru 302/2009	**Dan ir-Regolament**
Artikolu 22(2) it-tieni subparagrafu	Artikolu 32(1)
Artikolu 22(3)	Artikolu 32(2)
Artikolu 22(4)	Artikolu 36(1),(2),(3)
Artikolu 22(5)	Anness II
Artikolu 22(6)	Artikolu 31(6)
Artikolu 22(7)	Artikolu 33(1) u Anness IX
Artikolu 22(8) u (9), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 34
Artikolu 22(9), it-tieni subparagrafu	-
Artikolu 22(10)	Artikolu 37
Artikolu 23	Artikolu 30
Artikolu 24(1)	Artikolu 45(1)
Artikolu 24(2),(4) u (6)	Artikolu 38(2),(3),(4) u (5)
Artikolu 24(3)	Artikolu 39(1) u (2)
Artikolu 24(5)	Artikolu 40
Artikolu 24(7)	Artikolu 42(1) u Anness IX
Artikolu 24(8), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 43(1) u (2)
Artikolu 24(9)	-
Artikolu 24(10)	Artikolu 46
Artikolu 24a	Anness X
Artikolu 25	Artikolu 47
Artikolu 26(1)	Artikolu 24(4)
Artikolu 26(2)	Artikolu 25(1)
Artikolu 26(3)	Artikolu 24(5)
Artikolu 27(1)	Artikolu 29(5)
Artikolu 27(2)	Artikolu 41
Artikolu 27(3)	Artikolu 3(24)
Artikolu 28	Artikolu 53
Artikolu 29	Artikolu 50
Artikolu 30	Artikolu 48
Artikolu 31(1) u (2)(a),(b),(c) u (h)	Artikolu 51(2),(3),(4),(5) u (6)
Artikolu 31(2)(d),(e),(f),(g)	Anness VII
Artikolu 31(3) u (4)	Anness VII
Artikolu 32	Artikolu 33(2),(3) u (4) Artikolu 42(2),(3) u (4)
Artikolu 33	-
Artikolu 33a	Artikolu 51
Artikolu 34	Artikolu 54
Artikolu 35	-
Artikolu 36	-
Artikolu 37	Artikolu 55
Artikolu 38	Artikolu 56
Artikolu 38a	Artikolu 59(1)(2)
Artikolu 39	Artikolu 61
Artikolu 40	-
Artikolu 41	Artikolu 62